VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,440, 12 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 192 tal-2015

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2015 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, *Semen*, *Ova* u Embrijuni mhux soġġetti għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(2) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2015 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, *Semen*, *Ova* u Embrijuni mhux soġġetti għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità.

(2) Dawn ir-regoli jistabbilixxu l-ħtiġiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, *semen*, *ova* u embrijuni li ma humiex soġġetti għal ħtiġiet ta' saħħa tal-annimali mniżżla fir-regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Iskeda F li għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa ta' regoli nazzjonali u komunitarji oħra li jistgħu japplikaw f'dan ir-regward. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa tar-Regolament Komunitarju (KEE) Nru 3626/82.

Dawn ir-regoli m'għandhomx jaffetwaw r-regoli nazzjonali applikabbli lejn annimali mrobbija għal gost, għalkemm iż-żamma tagħhom ma tistax tfixkel l-abolizzjoni ta' verifiki veterenarji fil-fruntieri bejn Stati Membri. Dawn ir-regoli għandhom jinqraw flimkien mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 576/2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 577/2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa (nemsa), l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u l-ħtiġiet lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regoli huwa li jittrasponu d-Direttiva 92/65/KEE bl-emendi kollha tagħha u Deċiżjonijiet relatati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Tifsir.

2. Kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra fl-Att, it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw; u t-tifisriet ħlief dawk ta' centri jew korpi li jkunu approvati, li jkunu jinsabu f'xi liġi jew regolamenti oħrajn li jkunu jirregolaw il-kummerċ, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, kemm-il darba ma jkunux inkosistenti ma' dawn ir-regoli:

"annimali" tfisser individwi ta' speċi ta' annimali u ma għandhiex tinkludi dawk l-annimali li għalihom issir referenza f'leġislazzjoni oħra tal-Komunità, Direttivi 64/432/KEE, 90/426/KEE, 90/539/KEE, 91/67/KEE, 91/68/KEE, 91/492/KEE U91/493/KE9E, li jfissru -

(a) Ungulati:

(i) annimali bovini li jinkludu individwi tal-ispeċi *Bubalis bubalis;*

(ii) majjali (bl-eċċezjoni ta' majjali slavaġ);

(iii) ekwini inklużi l-ispeċi kollha ta' ekwini (inklużi ż-żebri) u ħmir kemm jekk domestiċi jew slavaġġ jew il-moħorien, fliewi u il-bgħewla ta' dawn l-ispeċi;

(iv) annimali *ovine* u kaprini;

(b) tjur inklużi:

(i) tiġieġ, dundjani, farawni, papri, wiżż, summien, ħamiem, fagani, perniċi u ratiti (*Ratitae*) imkabbra u miżmuma fil-magħluq għat-tnissil, il-produzzjoni tal-laħam jew tal-bajd għall-konsum, jew biex jintużaw għar-repopolazzjoni ta' kaċċa;

(ii) bajd tat-tifqis jiġifieri bajd tat-tjur għall-inkubazzjoni; u

(iii) 'flieles ta' ġurnata' tat-tjur kollha li jkollhom inqas minn 72 siegħa, li jkunu għadhom ma kielux; għalkemm il-flieles tal-papri tal-mustaċċ aħmar (*Cairina Moschata*) jew il-bgħewla tagħhom jistgħu jintemgħu;

(ċ) annimali tal-akkwakultura impurtati u l-prodotti tagħhom inklużi kunsinni li jkunu fi tranżitu;

(d) 'molluski bivalvi' li tfisser molluski lamellibranki li jieklu permezz ta' filtrazjoni;

(e) annimali kif imfissra fir-Regolament (UE) Nru576/

VERŻJONI ELETTRONIKA

2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

It-terminu ‘annimali’, ma għandux japplika għal:

(a) annimali akkwatiċi ornamentali mkabbra f’akkwarji mhux kummerċjali;

(b) annimali akkwatiċi slavaġġ maqbuda jew miġbura biex jidħlu direttament fil-katina tal-ikel;

(ċ) annimali akkwatċi maqbuda bl-iskop li jiġu mibdula fi dqiq tal-ħut, ikel għal-ħut, żejt tal-ħut jew prodotti simili.

It-terminu ‘annimali’ japplika għall-annimali kollha imniżżla fl-iskeda H, Parti A u B, kif ukoll l-annimali kollha oħra li mhumiex esklużi fil-paragrafi preċedenti;

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"attività ta’ servizz" tfisser kull attività ta’ persuni li jaħdmu għal rashom u magħmula għal korrispettiv finanzjarju;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità dwar is-Servizzi Veterinarji kif imfissra fl-Att; Kap. 437.

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dawn ir-regoli u fir-rigward ta’ provdituri awtorizzati u servizz, tfisser permess, liċenza, warrant, appuntament, konċessjoni, jew kull deċizjoni li għanda x’taqsam ma’ aċċess għal attività ta’ servizz jew l-eżerċizzju tas-servizz innifsu;

"ċertifikat tas-saħħa" tfisser ċertifikat maħruġ b’mod xieraq mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta’ oriġini jew ta’ min fejn jitlaq il-prodott bħala mezz ta’ garanzija adatta u li jkun jissorvelja konformità fir-rigward ta’ annimali u prodotti ta’ oriġini mill-annimali soġġetti għal kummerċ ma’ ħtiġiet dwar is-saħħa tal-annimali u kull ħtieġa oħra li tinsab f’dawn ir-regoli;

"dokument kummerċjali" tfisser dokument li jista’ jkollu jew ma jkollux valur għat-taxxa, li jkun fih referenza speċifika għall-kunsinna flimkiem ma’ mezz ta’ identifikazzjoni tal-kunsinna, li jista’ jakkumpanja lill-istess kunsinna u li għandu jiġi wżat mill-awtoritajiet kompetenti flimkien ma’ dokumentazzjoni veterinarja jew le, sabiex isiru kontrolli dokumentarji jew ta’

VERŻJONI ELETTRONIKA

identifikazzjoni tal-kunisnna jew tat-tnejn;

"importatur" tfisser persuna li, skont awtorizzazzjoni li tkun inħarġet lilha mid-Dipartiment tal-Kummerċ, tkun awtorizzata biex timporta f'Malta annimali u prodotti ta' oriġini mill-annimali li jiġu trasportati minn xi pajjiż terz jew Stat Membru ieħor skont dawn ir-regoli;

Kap. 379.

"intrapriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar il-Kompetizzjoni;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità tal-Unjoni Ewropea; "konsumatur aħħari" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li tixtri annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali soġġetti għal kummerċ għal użu personali tagħha u mhux għal finijiet biex jerġgħu jinbiegħu jew ta' trasferiment;

"korp, istitut jew ċentru approvat" ifisser xi stabbiliment permanenti ġeografikament limitat, approvat bi qbil mar-regola 13, fejn wieħed jew aktar speċi ta'annimali jkun abitwalment miżmuma u mrobbija, kemm jekk għal finijiet kummerċjali u kemm xort'oħra, u esklussivament għal wieħed jew aktar minn dawn l-iskopijiet:

L.S. 439.08.

- wiri tal-annimali u edukazzjoni tal-pubbliku fejn ikun hemm liċenza għaż-żamma ta' zoo skont ir-Regolamenti għaż-Żamma ta' Annimali Selvaġġ fi Stabilimenti Żoologiċi.

- konservazzjoni tal-ispeċji;

- riċerka xjentifika bażika jew applikata jew trobbija ta'annimali għall-iskopijiet ta' riċerka bħal din fejn ikun hemm awtorizzazzjoni jew liċenza skont ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi;

L.S. 439.13.

"kummerċ" għandu jkollha it-tifsira mogħtija lilha skont l-Artikolu 9(2) tat-Trattat kif wkoll kull trasferiment, moviment jew skambju bejn postijiet jew siti jew kull klassi ta' persuni naturali jew ġuridiċi kemm jekk magħmula għal korrispettiv finanzjarju jew le;

"mard notifikabbli" tfisser il-mard elenkat fl-Iskeda A; "negozjant irreġistrat" tfisser importatur, esportatur,

VERŻJONI ELETTRONIKA

persuna responsabbli għat-tagħbija, *broker*, pitkal u kull persuna jew entità ġuridika li tkun fil-kummerċ;

"pajjiż terz" tfisser kull pajjiż li mhux membru tal-Komunità Ewropea;

"prodotti tal-akkwakultura" tfisser il-prodotti kollha tal-ħut li jkunu twieldu u tkabbru f'kondizzjonijiet kontrollati sakemm jitpoġġew fuq is-suq bħala ikel:

Iżda, ħut u krostaċi tal-ilma ħelu jew tal-baħar maqbuda mill-ambjent naturali tagħhom fi stadji ġovanili u miżmuma sakemm jilħqu id-daqs kummerċjali mistħoqq għal konsum uman, huma wkoll ikkonsidrati bħala prodotti tal-akkwakultura. Ħut u krostaċi ta' daqs kummerċjali maqbuda mill-ambjent naturali tagħhom miżmuma ħajjin biex jiġu mibjugħa aktar tard ma humiex ikkunsidrati bħala prodotti tal-akkwakultura hekk kemm il-darba huma miżmuma biss ħajjin mingħajr l-ebda tentattiv biex jiżdied id-daqs tagħom jew il-piż;

"prodotti tal-ħut" tfisser kull annimal tal-baħar jew tal-ilma ħelu jew partijiet minnhom, inkluż il-bajd tagħhom, iżda mhux żrinġijiet u annimali akkwatiċi inklużi f'atti tal-Komunità, għajr mid-Direttiva 92/65/KEE;

"programm ta' moniteraġġ" tfisser programm ta' kontroll jew moniteraġġ mħejji mill-awtorità kompetenti għall-fini ta' żamma ta' reġistri ta' annimali soġġetti għal kummerċ f'dak li għandu x'jaqsam mal-epidemija ta' mard notifikabbli u ta' mard imsemmi fl-Iskeda B;

"provditur awtorizzat" tfisser u tinkludi kull persuna li tkun negozjant jew importatur skont dawn ir-regoli u li jkollha awtorizzazzjoni li tkun inħarġet għaliha mid-Dipartiment tal-Kummerċ biex timporta u tinnegozja f'annimali u prodotti ta' oriġini mill-annimali soġġetti għal kummerċ minn Stat Membru jew pajjiż terz lejn Malta;

"raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku" tfisser raġunijiet rikonoxxuti bħala tali fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, u li dawn ir-raġunijiet joffru ġustifikazzjoni għall-ħruġ ta' xi awtorizzazzjoni jew għall-ħruġ ta' xi kondizzjoni għal dik l-awtorizzazzjoni jew għal kull deċiżjoni politika oħra

VERŻJONI ELETTRONIKA

meħuda skont dik l-awtorizzazzjoni, meta dik l-awtorizzazzjoni, u, jew kondizzjoni u, jew deċiżjoni politika għal dik l-awtorizzazzjoni ma tkunx tista' tinħareġ jew tiġi mogħtija taħt ċirkostanzi normali ħlief għal dawk ir-raġunijiet aktar importanti fir-rigward tal-interess pubbliku li jinkludu r-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-politika pubblika, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika, iżda, dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu interpretati skont l-Artikolu 46 u l-Artikolu 55 tat-Trattat;

(b) iż-żamma tal-ordni fis-soċjetà;

(ċ) l-objettivi politiċi soċjali;

(d) il-protezzjoni tar-riċevituri ta' servizz;

(e) il-protezzjoni tal-konsumatur;

(f) il-ġlieda kontra l-frodi;

(g) il-protezzjoni tal-ambjent;

"riċevitur" tfisser kull persuna naturali li tkun ċittadina ta' Stat Membru, li tibbenefika mid-drittijiet mogħtija lilha mill-atti tal-komunità, jew kull persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru, li, għal finijiet professjonali jew mhux professjonali, tuża, jew tkun tixtieq tuża, servizz mhux għal korrispettiv finanzjarju;

"Stat Membru" tfisser Stat li hu membru tal-Unjoni Ewropea; "tqegħid fis-suq" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att u l-istess tifsira moġħtija lill-kummerċ f'dawn ir-regoli;

"it-Trattat" tfisser it-trattat kif imwaqqaf bil-Komunità Ewropea;

"verifiki veterinarji" tfisser kull iċċekkjar fiżiku u, jew formalità amministrattiva, verifika, kontroll, moniteraġġ, organizzazzjoni ta' verifiki u kull segwitu għaliha fir-rigward ta' annimali u prodotti ta' oriġini mill-annimali li jsiru minn veterinarji uffiċjali, u li għandhom japplikaw b'mod partikolari, għal verifiki fil-punt ta' oriġini u verifiki li jiġu mwettqa mal-wasla mill-Istat Membru tad-destinazzjoni biex jiggarantixxu s-saħħa tal-annimali u biex iħarsu l-miżuri li għandhom ikunu

VERŻJONI ELETTRONIKA

implimentati f'dan ir-rigward, biex jiżgurawkonformità mal-ħtiġiet dwar is-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u li huma maħsuba għall-protezzjoni, diretta jew xort'oħra, tas-saħħa pubblika u, jew tal-annimali;

"veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju tal-korp, istitut jew ċentru ta' oriġini approvat, maħtur u approvat mill-awtorità kompetenti li, għall-fini ta' dawn ir-regoli għandu jkun responsabbli biex jiggarantixxi s-saħħa tal-annimali.

KAPITOLU II
Dispożizzjonijiet applikabbli għal kummerċ

Projbizzjonijiet jew limitazzjonijiet minħabba raġunijiet ta' saħħa.

3. Il-kummerċ kif imsemmi fir-regola 1(2) ma jkunx ipprojbit jew limitat minħabba raġunijiet ta' saħħa tal-annimali ħlief dawk li jinħolqu mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli jew minn leġislazzjoni nazzjonali u Komunitarja, u b'mod partikolari xi miżuri ta' ħarsien li jkunu ttieħdu f'dan ir-rigward.

Kummerċ jew tqegħid fis-suq ta' annimali.

4. (1) Annimali ma jistgħux ikunu oġġett ta' kummerċ jew impoġġija fis-suq sakemm ma jkunux identifikati u registrati skont ir-regoli Kommunitarji u legislazzjoni Maltija. L-annimali kollha u l-prodotti ta' oriġini mill-annimali li joriġinaw minnhom intenzjonati għall-kummerċ jew impoġġija fis-suq jridu jkunu konformi mal-ħtiġiet ta' saħħa u zootekniċi, nazzjonali u tal-Komunità f'kull stadju ta' produzzjoni u kummerċ.

(2) L-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-ispezzjonijiet li ġejjin mal-wasla tal-annimali li jkunu wkoll fi tranżitu fit-territorju ta' Malta:

(a) l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi b'mod mhux diskriminatorju, spezzjonijiet għall-għarrieda fil-postijiet tad-dħul, postijiet tal-kontroll jew fil-post tad-destinazzjoni ta' annimali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali biex jivverifikaw li l-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu fil-kummerċ huma konformi mal-ħtiġiet relevanti ta' saħħa u zootekniċi, kemm nazzjonali kif wkoll tal-Komunità; tista' wkoll tieħu kampjuni fl-istess ħin. Barra min hekk, kontrolli jistgħu jsiru wkoll waqt it-trasport ta' annimali u prodotti li joriginaw mill-annimali, fit-territorju, fejn l-awtorità kompetenti jkollha informazzjoni li twassal għal suspett ta' xi ksur tar-regoli;

(b) barra min hekk, meta l-annimali joriġinaw minn Stat ieħor, huma intenzjonati -

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) għal suq approvat jew ċentru ta' assemblaġġ kif imfisser fir-regoli tal-Komunità, l-operatur tagħhom huwa responsabbli għad-dħul ta' annimali li ma jilħqux il-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli. L-awtorità kompetenti għanda tiċċekja, b'ispezzjonijiet magħmula b'mod mhux diskriminatorju ċ-ċertifikati u dokumenti li jkunu jakkompanjaw lill-annimali, biex tivverifika li l-annimali jikkonformaw ma' dawk il-ħtiġiet;

(ii) għal biċċerija li tkun taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali, dan irid jiżgura, speċjalment a bażi taċ-ċertifikati li, annimali li jilħqu l-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli biss jiġu maqtula. L-operatur tal-biċċerija huwa responsabbli għall-qatla tal-annimali li ma jkunux jilħqu il-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli u li jkunu inqatlu;

(iii) għal negozjant irregistrat li jaqsam il-kunsinni jew stabbiliment li mhux taħt superviżjoni permanenti, f'dan il-każ l-awtorità kompetenti għanda tqis lin-negozjant reġistrat jew l-istabbiliment bħala l-kunsinnatarju tal-annimali u huwa responsabbli għaċ-ċaqlieq, u, jew kummerċ li ma jkunx jilħaq il-ħtiġiet ta'dawn ir-regoli;

(iv) għal postijiet, ċentri jew organizzazzjonijiet inkluż, fejn il-kunsinna tkun parzjalment maħtuta waqt it-trasport, kull annimal jew numru ta' annimali jridu jkunu kkumpanjati miċ-ċertifikati tas-saħħa oriġinali jew dokument ta' akkumpanjament sakemm jasal jew jaslu il-kunsinnatarju imsemmi fid-dokumenti.

(3) Il-kunsinnatarji imsemmija fis-subregola (2)(b)(iii) u (iv) għandhom:

(a) ikunu reġistrati f'reġistru uffiċjali qabel ma jidħlu fil-kummerċ;

(b) iżommu l-informazzjoni tal-kunsinni kollha u kull ma jaslilhom qabel ma xi kunisnna tiġi maqsuma jew ikkumerċjalizzata u għandhom jiċċekjaw il-marki tal-identifikazzjoni, ċertifikati jew dokumenti huma presenti;

(ċ) jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti b'kull irregolarità jew anomalija u, f'każ ta' xi anomalija, jiżola l-annimali msemmija sakemm l-awtorità kompetenti tkun ħadet deċiżjoni fuqhom;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) iżommu informazzjoni fuq id-destinazzjoni tal-annimali u prodotti tal-kunsinni kif wkoll tal-kunsinni maqsuma.

(4) L-informazzjoni imsemmija fis-subregola (3) trid tinżamm għal perjodu ta' tlett snin u l-kusinnatarju għandu jipprovdi din l-informazzjoni fuq talba tal-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel spezzjonijiet każwali biex tivverifika l-konformità ma' dawn ir-regoli.

(5) Il-kunsinnatarji kollha li jkunu jidhru fuq iċ-ċertifikati jew dokumenti ta' akkumpanjament-

(a) għandhom, fuq talba tal-awtorità kompetenti u biex ikunu jistgħu isiru il-verifiki imsemmija f'dawn ir-regoli, jinfurmaw bil-quddiem il-wasla ta' annimali u prodotti ta' oriġini mill-annimali min Stati membri oħra u din l-informazzjoni għandha partikolarment tispjega n-natura tal-kunsinna u d-data meta l-kunsinna tkun mistennija tasal. Din in-notifika għandha ssir mhux inqas tmienja u erbgħin siegħa qabel il-wasla mistennija skont il-ħtiġiet tar-Regoli dwar l-Ikkummerċjar; L.S. 499.43.

(b) għandhom iżommu għal perjodu ta' sitt xhur, il-kopji taċ-ċertifikati tas-saħħa originali jew id-dokumenti ta' akkumpanjament ta' dawk l-annimali jew dawk il-prodotti, biex ikunu ppreżentati lill-awtorità kompetenti, meta jintalbu.

(6) Annimali imsemmija fir-regoli 5 sa 10 jistgħu, mingħajr preġudizzju għar-regola 13 u għad-dispożizzjonijiet partikulari li jridu jiġu adottati fl-implimentazzjoni tar-regola 24, ikunu soġġetti għal kummerċ, biss jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli 5 sa 10 u li dawk l-annimali jiġu min postijiet jew stabbilimenti, msemmija fir-regola 12(1) u (3), li jkunu registrati mill-awtorità kompetenti u li jintrabtu li:

(a) l-annimali li jkollhom jiġu eżaminati b'mod regolari skont il-leġislazzjoni Komunitarja u Maltija u programmi dwar is-saħħa tal-annimali li jiġu deċiżi mid-Direttur;

(b) jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti, ħlief għal epidemija ta' mard notifikabbli, b'xi tfaqqiegħ ta' mard imsemmi fl-Iskeda B li għalih l-awtorità kompetenti tkun ħejjiet programm ta' kontroll jew moniteraġġ f'dan ir-rigward;

(ċ) ikunu konformi mal-miżuri speċifiċi nazzjonali biex jikkontrollaw xi marda ta' importanza partikolari għal Malta li tkun taqa' taħt programm li jkun imħejji skont ir-regola 14 jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

id-deċizjoni li tittieħed taħt ir-regola 15(2);

(d) iqiegħdu fis-suq għall-għanijiet ta kummerċ, annimali biss li ma jkunu juru l-ebda sinjali ta' mard u li jkunu ġejjin minn stabbilimenti jew żoni li ma jkunux soġġetti għal xi projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali u f'dak li għandu x'jaqsam ma' annimali li ma jkunux akkumpanjati b'ċertifikat ta' saħħa jew dokument kummerċjali stabbilit fir-regoli 5 sa 11, l-annimali biss li jkunu akkumpanjati b'ċertifikazzjoni magħmula mill-operatur nnifsu li jiddikjara li l-annimali konċernati ma kienux fil-ħin tal-konsenja juru xi sinjali evidenti ta' mard u li l-istabbiliment tiegħu mhux soġġett għal xi restrizzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali; u

(e) ikunu konformi mal-ħtiġiet li jiżguraw it-trattament xieraq tal-annimali miżmuma skont il-leġislazzjoni Komunitarja u Maltija, jew skont linji gwida nazzjonali fejn legiżlazzjoni mhix disponibbli.

Kummerċ ta' xadini.

5. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kummerċ ta' xadini (*simiae u prosimiae*) jkun ristrett biss għal annimali kkonsenjati minn u lejn korp, istitut jew ċentru approvat mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-regola 13 u li annimali bħal dawk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat veterenarju li jikkorrispondi għall-mudell fl-Iskeda E, id-dikjarazzjoni li għandha tiġi mimlija mill-veterinarju uffiċjali tal-korp, istitut jew ċentru ta' oriġini biex jiggarantixxi s-saħħa tal-annimali.

(2) L-awtorità kompetenti tista', bħala deroga mis-subregola (1), tawtorizza l-kisba minn korp, istitut jew ċentru approvat ta' xadini li jappartjenu lill-individwu.

Kummerċ fl-ungulati.

6. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regoli 14 u 15, l-awtorità kompetenti għandha tassigura li ungulati ta' speċji apparti minn dawk li hemm referenza għalihom fil-paragrafu (a) tat-tifsira ta' 'annimali' fir-regola 2, jistgħu jkunu s-suġġett ta' kummerċ biss jekk dawn jilħqu l-ħtiġiet li ġejjin:

(a) ġeneralment dawn -

(i) għandhom ikunu identifikati skont ir-regoli tal-Komunità u l-leġislazzjoni Maltija biex tiġi assigurata t-traċċabilità.

(ii) m'għandhomx ikunu intenzjonati għall-qatla permezz ta' programm għall-eradikazzjoni ta' mard infettiv;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) m'għandhomx ikunu ngħataw tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet relevanti tar-Regoli dwar Miżuri ta' Kontroll tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer u r-Regoli dwar Miżuri ta' Kontroll tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer (Miżuri ta' Kontroll) kif ukoll ir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali; L.S. 437. 50. L.S. 437.81. L.S. 437.48.

(iv) iridu jkunu ġejjin minn qasam li hemm referenza dwaru fir-regolament 3(2)(b) u (ċ) tar-Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, li ma jkunx suġġett għal xi miżuri dwar saħħa tal-annimali, partikolarment dawk meħuda permezz tar-Regoli dwar Miżuri ta' Kontroll tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwifer, tar-Regoli dwar Miżuri ta' Kontroll tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer (Miżuri ta' Kontroll), r-Regoli dwar Kundizzjonijiet ta' Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Ovini u Kaprini, kif ukoll id-Direttiva 80/217/KEE, u li jkunu nżammu hemmhekk b'mod permanenti sa mit-twelid jew għall-aħħar tletin jum qabel il-konsenja; L.S. 437.48. L.S. 437.50. L.S. 437.81. L.S. 437.79.

(v) għandhom ikunu akkumpanjati b' ċertifikat li jkun jikkorrespondi mal-kampjun muri fit-Taqsima 1 tal-Iskeda E, li jkollu fuqu d-dikjarazzjoni fl-imsemmija Skeda;

(b) fil-każ ta' ruminanti:

(i) dawn iridu jkunu ġejjin minn merħla li tkun uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi u uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi bi qbil mar-Regoli dwar Problemi tas-Saħħa tal-Annimali li jaffettwaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, jew mar-Regoli dwar Kundizzjonijiet ta' Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Ovini u Kaprini u jissodisfaw, f'dak li jirrigwardja r-regoli tas-saħħa tal-annimali, il-ħtiġiet relevanti meħtieġa għal speċji bovini fir-regola 3(2)(ċ), (d), (f), (g) u (h) tad-Direttiva 64/432/EEC jew fir-regola 3 tar-Regoli dwar Kundizzjonijiet ta' Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Ovini u Kaprini; L.S. 437.48. L.S. 437.79.

(ii) meta dawn ma jkunux ġejjin minn merħla li tilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (i), dawn

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom jiġu minn qasam li fih l-ebda każ ta' bruċelloži jew tuberkoloži ma jkunu ġew reġistrati matul l-aħħar tnejn u erbgħin jum qabel it-tgħabija tal-annimali u li r-ruminanti kienu għat-tletin jum qabel il-konsenja għaddew b'riżultati negattivi minn test għall-bruċelloži u t-tuberkoloži;

(iii) skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE, dispożizzjonijiet jistgħu jkunu adottati fir-rigward ta' leukosi;

(ċ) fil-każ ta' *suidae*:

(i) dawn ma jridux ikunu ġejjin minn qasam li huwa soġġett għall-miżuri ta' projbizzjoni marbuta mal-preżenza ta' marda Afrikana tal-ħnieżer bi qbil mar-regolament 9 tar-Regolamenti dwar Problemi tas-Saħħa tal-Annimali li jaffettwaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali;

L.S. 437.48.

(ii) iridu jkunu ġejjin minn qasam li ma jkunx suġġett għal xi restrizzjonijiet meħtieġa fid-Direttiva 80/217/KEE bħala riżultat tal-marda tad-deni tal-majjal klassiku (Pesta Klassika tal-Majjal);

(iii) iridu jkunu ġejjin minn qasam ħieles mill-bruċelloži bi qbil mar-Regolamenti dwar Problemi tas-Saħħa tal-Annimali li jaffettwaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali u jissodisfaw il-ħtiġiet relevanti tas-saħħa tal-annimali kif meħtieġa għal ħnieżer fl-imsemmija regolamenti;

L.S. 437.48.

(iv) meta ma jkunux ġejjin minn merħla li tilħaq il-kondizzjonijiet meħtieġa fis-subparagrafu (iii), dawn għandhom, fit-tletin jum ta' qabel il-konsenja tagħha, ikunu għaddew b'riżultati negattivi minn test iddisinjat biex juri l-assenza ta' antikorpi għall-bruċelloži;

(d) il-ħtiġiet tat-testijiet imsemmija f'din ir-regola u l-kriterji tagħhom jistgħu ikunu stabbiliti bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE;

(e) skont il-proċedura mniżżla fir-regola 12, ċ-ċertifikati tas-saħħa, li mudell tagħhom huwa riprodott fl-Iskeda E, jistgħu jkunu emendati jew issupplimentati, partikolarment sabiex jingħata każ tal-ħtiġiet ta' din ir-regola;

(f) in-negozjant, is-sid, id-detentur, il-kummerċjant, l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

importatur, id-destinatarju, it-trasportatur, il-bejjiegħ bl-imnut jew kull persuna oħra li tkun awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att biex tiddisponi minn annimali ħajjin għandhom ikunu responsabbli għall-annimali li jkunu qegħdin jiġu kkumerċjati u għandu jikkonformaw f'kull ħin mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli u l-artikolu 37(1) tal-Att.

Ħtiġiet f'każ ta' għasafar soġġetti għall-kummerċ. L.S. 437.103.

7. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li għasafar, apparti minn dawk li hemm referenza dwarhom fir-Regoli dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali li jirregolaw Kummerċ Intra-Komunitarju u l-Importazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi ta' Tjur u Bajd tat-Tifqis, jistgħu jkunu s-suġġett ta' kummerċ biss jekk jilħqu dawn il-ħtiġiet segwenti:

(a) ġeneralment dawn għandhom:

(i) ikunu ġejjin minn oqsma li fihom l-influwenza avjana ma tkunx ġiet dianjostikata fit-tletin jum li jippreċedu l-konsenja;

(ii) ikunu ġejjin minn razzett jew żona li ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet permezz ta' miżuri li għandhom ikunu applikati biex jikkumbattu l-marda ta' Newcastle.

Sakemm isseħħ l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Komunità li hemm referenza għalihom fir-Regoli dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali li jirregolaw Kummerċ Intra-Komunitarju u l-Importazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi ta' Tjur u Bajd tat-Tifqis, ħtiġiet nazzjonali biex jikkumbattu l-marda ta' Newcastle għandhom jibqgħu jiġu applikati, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat; L.S. 437.103.

(iii) ikunu, bi qbil mar-regola 10(1) tar-Regolamenti li Jirregolaw l-Organizzazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Komunità minn Pajjiżi minn Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera ġewwa t-Territorju ta' Malta, kienu fi kwarantina, jekk huma kienu ġew impurtati minn pajjiż terz, fi kwarantina tal-awtorità kompetenti jew kwarantina approvata jew fir-razzett li fih kienu meħuda wara li jkunu daħlu fit-territorju tal-Komunità; L.S. 437.40.

(b) b'żieda, *psittacidae* għandhom:

(i) ma jkunux ġejjin minn razzett, l-anqas ma kienu f'kuntatt ma' annimali minn razzett li fih il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

psittacosis (*Chlamydia psittaci*) tkun ġiet dijanjostikata.

Il-perjodu ta' projbizzjoni sa mill-aħħar każ irreġistrat u l-perjodu ta' trattament taħt superviżjoni veterinarja rikonoxxuta permezz tal-proċedura provduta għaliha fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE għandu jkun ta' mill-anqas xahrejn;

L.S. 437.38.

(ii) għandhom ikunu identifikati bi qbil mar-regola 3(1)(ċ) tar-Regolamenti dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Ħajjin u Prodotti.

Il-metodi għall-identifikazzjoni ta' *psittacidae*, u partikolarment *psittacidae* morda, għandhom ikunu stabbiliti skont il-proċedura provduta għaliha fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE;

(iii) ikunu akkumpanjati b'dokument kummerċjali ffirmat mill-uffiċjal veterinarju jew mill-veterinarju responsabbli għar-razzett jew għan-negozju ta' oriġini u li jkun ingħata l-poter għal dan l-iskop mill-awtorità kompetenti.

Ħtiġiet f'każ ta' naħal soġġetti għall-kummerċ.

8. L-awtorità kompetenti għandha tassigura li naħal (*Apis melifera*) jistgħu jkunu s-suġġett ta' kummerċ biss jekk ikunu jilħqu l-ħtiġiet segwenti:

(a) ikunu ġejjin minn żona li ma tkunx suġġetta għal ordni ta' projbizzjoni assoċjata mas-seħħ tal-*American foulbrood*.

Il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jibqa' għal mill-anqas tletin jum wara l-aħħar każ irreġistrat u d-data li fiha x-xehdiet kollha f'raġġ ta' tliet kilometri jkunu ġew eżaminati mill-awtorità kompetenti u x-xehdiet kollha nfettati maħruqa jew ittrattati u spezzjonati għas-sodisfazzjon tal-imsemmija awtorità kompetenti.

Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE, u wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat Xjentifiku Veterinarju, il-ħtiġiet applikati fuq in-naħal (Apis melifera) jew ħtiġiet ekwivalenti jistgħu jkunu applikati fuq bombli jew naħal bagħal (*Bombus spp*);

(b) ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa li jkun korrispondenti mal-mudell fl-Iskeda E tad-dikjarazzjoni li għandha tkun mimlija mill-awtorità kompetenti biex jiċċertifika

VERŻJONI ELETTRONIKA

li l-ħtiġiet ipprovduti fil-paragrafu (a) jkunu ġew milħuqa.

Ħtiġiet f'każ ta' lagomorfi soġġetti għall-kummerċ.

9. (1) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li lagomorfi jistgħu jkunu s-suġġett ta' kummerċ biss jekk ikunu jilħqu l-ħtiġiet segwenti:

(a) ma jkunux ġejjin minn jew ma kinux f'kuntatt ma' annimali minn razzett li fih il-marda tar-rabja (idrofobija) tkun preżenti jew tkun issuspettata li kienet preżenti matul l-aħħar xahar;

(b) iridu jkunu ġejjin minn razzett li fih l-ebda annimal ma juri sinjali kliniċi ta' missomatosi (*myxomatosis)*.

(2) Fniek mibgħuta lejn Malta għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa li jkun korrespondenti għal mudell fl-Iskeda E, issupplimentat b'din id-dikjarazzjoni segwenti:

"Jiena, li hawn taħt iffirmajt .....… niċċertifika li l-konsenja ta' hawn fuq tissodisfa l-ħtiġiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/65/KEE u li l-annimali ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard meta kienu ġew eżaminati.".

Dan iċ-ċertifikat għandu jkun maħruġ mill-veterinarju uffiċjali jew mill-veterinarju responsabbli għar-razzett ta' oriġini u li jkun ingħata l-poter għal dan l-iskop mill-awtorità kompetenti u għat-tnissil industrijali, mill-veterinarju uffiċjali.

Kummerċ fil-*mink* u volpi.

10. (1) Kull kummerċ fil-*mink* u volpi li jkunu ġejjin minn jew li kienu f'kuntatt ma' annimali minn razzett li fih il-marda tar-rabja (idrofobija) tkun preżenti jew li jkun issuspettat li kienu preżenti fis-sitt xhur preċedenti, hekk li l-ebda programm ta' tilqim ma jkun applikat, huwa projbit.

(2) Biex ikunu l-oġġett ta' kummerċ, il-klieb, il-qtates u l-inmsa (pemsa), għandhom:

(a) jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu6 u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi;

(b) isirilhom eżami kliniku, tmienja u erbgħin siegħa qabel il-ħin tat-tluq tal-annimali, minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti; u

(ċ) ikunu akkumpanjati matul it-trasport sal-post tad-

VERŻJONI ELETTRONIKA

destinazzjoni b'ċertifikat tas-saħħa li:

(i) jikkorrispondi għall-mudell fit-Taqsima 1 tal-Iskeda E; u

(ii) ikun iffirmat minn veterinarju uffiċjali li għandu jiċċertifika li l-veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż minn fejn ikun intbagħat, jkun iddokumenta, fit-taqsima rilevanti tad-dokument tal-identifikazzjoni fil-format previst fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, l-eżami kliniku mwettaq skont il-paragrafu (b) li juri, fil-ħin tal-eżami kliniku, li l-annimali huma f'kondizzjoni tajba biex jiġu ttrasportati tul il-vjaġġ intenzjonat b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati.

(3) Bla ħsara għas-subregoli (1) u (2), ir-regolamenti dwar il-kwarantina għall-karnivori, jibqgħu jgħoddu bl-eċċezzjoni għall-ispeċji imsemmija fis-subregola (2) jibqgħu jgħoddu, kif ukoll għall-primati, għall-friefet il-lejl u għal bhejjem oħra fi kwarantina li huma suxxettibbli għar-rabja (idrofobija) li jaqgħu taħt dawn ir-regoli li ma jistax jintwera li twieldu fil-post tat-trobbija minn fejn joriginaw u miżmuma maqfula mit-twelid, madankollu ż-żamma ta' dawk ir-regolamenti ma tistax tkun ta' ħsara għat-tneħħija ta' kontrolli veterinarji fuq il-fruntieri bejn l-Istati Membri.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li l-ispejjeż biex jiġi applikat it-test seroloġiku huma mħallsa mis-sid jew l-impurtatur, il-kummerċjant u/jew il-persuna responsabbli għat-tgħabija.

Semen, *ova* u embrijuni li huma soġġetti għall-kummerċ.

11. (1) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fl-implimentazzjoni tar-regoli 21 u 23, *semen*, *ova* u embrijuni biss li jilħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fis-sub-regoli (2), (3), (4) u (5) huma s-suġġett ta' kummerċ.

(2) *Semen* ta' ovini, kaprini u speċi ekwini għandhom, mingħajr preġudizzju għal xi kriterji li għandu jkun hemm konformità magħhom għad-dħul ta' ekwidi f'kotba ta' żwiemel tat-tkattir tarrazza għal ċertu tnissil speċifiku:

(a) ikunu nġabru, ġew ipproċessati u maħżuna bil-għan ta' inseminazzjoni artifiċjali f' ċentru approvat mil-lat tas-saħħa skont l-Iskeda D (KAPITOLU I), jew, fil-każ ta' annimali ovini u kaprini bħala deroga minn dan ta' hawn fuq, f'impriża li tissodisfa l-ħtiġiet tar-Regoli dwar il-Kondizzjonijiet tas-Saħħa

L.S. 437.79

VERŻJONI ELETTRONIKA

li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini;

(b) ikunu nġabru minn annimali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda D (KAPITOLU II);

(ċ) ikunu nġabru, ġew ipproċessati, ippreservati, maħżuna u ttrasportati skont l-Isekda D (KAPITOLU III);

(d) kellhom magħhom matul it-trasport lejn Stat Membru ieħor ċertifikat tas-saħħa li jikkorrispondi għal mudell li għandu jkun iddeterminat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE.

(3) *Ova* u embrijuni ta' speċi ovini, kaprini, ekwini u porċini għandhom:

(a) ikunu ttieħdu minn donaturi femminili li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Isekda D (KAPITOLU IV) minn skwadra ta' ġbir jew ġew fornuti minn skwadra ta' produzzjoni approvata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u li tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet li jridu jiġu stabbiliti fl-Iskeda D (KAPITOLU I) skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE;

(b) ikunu nġabru, ġew ipproċessati u ppreservati f' laboratorju adatt, maħżuna u ttrasportati skont l-Iskeda D (KAPITOLU III),

(ċ) kollhom magħhom matul it-trasport lejn Stat Membru ieħor ċertifikat tas-saħħa li jikkorrispondi għal mudell li għandu jkun iddeterminat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE.

Semen użat għall-inseminazzjoni ta' donaturi femminili għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tas-subregola (2) fil-każ ta' nagħaġ, mogħoż u ekwidi u mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli dwar il-Kondizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u għal Importazzjonijiet ta' *Semen Deep-frozen* ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Majjali fil-każ ta' majjali. L.S. 437.102.

Kwalunkwe garanzija addizzjonali oħra tista' tkun determinata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE.

(4) Iċ-ċentri approvati msemmija fis-sub-regola (2)(a) u l-iskwadri approvati msemmija fis-sub-regola (3)(a) għandhom jiġu

VERŻJONI ELETTRONIKA

rreġistrati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li kull ċentru u skwadra tingħata numru ta' reġistrazzjoni veterinarja.

L-awtorità kompetenti għandha tfassal u żżomm aġġornata lista ta' dawk iċ-ċentri approvati u l-iskwadri u n-numri ta' reġistrazzjoni veterinarja fit-territorju ta' Malta u għandha tqiegħed dik il-lista għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri l-oħra u tal-pubbliku.

Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' dan il-paragrafu jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE.

(5) Il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa applikabbli għal *semen*, *ova* u embrijuni ta' speċi mhux imsemmijin fis-sub-regoli (2) u (3) għandhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE.

Organizzazzjoni u segwiment ta' verifiki. L.S.437.38.

12. (1) Ir-regoli dwar verifiki stabbiliti fir-Regolamenti dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Ħajjin u Prodotti għandhom ikunu applikabbli, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni ta', u s-segwiment ta' verifiki li għandhom ikunu mwettqa, fuq l-annimali, *semen*, *ova* u embrijuni koperti b'dawn ir-regoli li huma akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa. Annimali oħra jridu jkunu ġejjin minn oqsma suġġetti għall-prinċipji tar-Regolamenti dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Ħajjin u Prodotti f'dak li jirrigwarda verifiki ta' oriġini u destinazzjoni.

L.S. 437.38.

(2) Ir-Regolament 10 tar-Regolamenti dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Ħajjin u Prodotti għandu japplika għal annimali, *semen*, *ova* u embrijuni koperti b'dawn ir-regoli.

L.S. 437.38.

(3) Għall-iskop ta' kummerċ, ir-regolament 13 tar-Regolamenti dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Ħajjin u Prodotti għandu jkun estiż għal negozjanti li jżommu, fuq bażi permanenti jew okkażjonali, annimali li hemm referenza għalihom fir-regoli 7, 9 u 10.

L.S. 437.38.

(4) Il-komunikazzjoni tal-post ta' destinazzjoni kif provdut fir-regolament 4(2) tar-Regolamenti dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Ħajjin u Prodotti għandu, fir-rigward ta' annimali, *semen*, *ova* jew embrijuni akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa bi qbil ma' dawn ir-regoli, jseħħ bl-użu tas-sistema TRACES.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dawn ir-regoli, l-awtorità kompetenti għandha, meta jkollha suspett li ma jkunx hemm konformità ma' dawn ir-regoli jew li jkun hemm dubju dwar is-saħħa tal-annimali jew il-kwantità tas-*semen*, l-*ova* jew l-embrijuni li hemm referenza għalihom f'dawn ir-regoli, twettaq xi verifiki li hi tħoss li jkunu xierqa.

Annimali suxxettibbli għal mard.

13. (1) Kummerċ f'annimali li huma suxxettibbli għal mard li hu mniżżel fl-Iskeda A jew għal mard li hu mniżżel fl-Iskeda B, u l-kummerċ f'*semen*, *ova* jew embrijuni ta' annimali bħal dawn ikkonsenjati lejn u minn korpi, istitutjiet jew ċentri approvati bi qbil mal-Iskeda Ċ għandhom ikunu s-suġġett ta' produzzjoni ta' dokument ta' trasport li jkun jikkorrespondi mal-mudell fl-Iskeda E. Dan id-dokument, li għandu jkun mimli mill-veterinarju responsabbli għal korp, istitut jew ċentru ta' oriġini, għandu jispeċifika li l-annimali, *semen*, *ova* jew embrijuni jkunu ġejjin mill-korp, istitut jew ċentru approvat bi qbil mal-Iskeda Ċ u għandu jakkumpanjahom matul it-trasport.

(2) (a) Biex ikunu approvati, korpi, istitutjiet jew ċentri għandhom, f'dak li jirrigwarda mard notifikabbli, jissottomettu lejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru d-dokumenti relevanti kollha bħala sostenn li jirrigwardaw il-ħtiġiet li jinstabu fl-Iskeda Ċ.

(b) Wara li tirċievi l-*file* li jirrigwarda t-talba għall-approvazzjoni jew għal tiġdid ta' approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha teżaminaha fid-dawl tal-informazzjoni li jkun fiha u, fejn xieraq, tar-riżultati tat-testijiet imwettqa fuq il-post.

(ċ) L-awtorità kompetenti għandha tneħħi l-approvazzjoni bi qbil mal-punt 3 tal-Iskeda Ċ.

(d) Il-korpi, l-istituti u ċ-ċentri approvati kollha għandhom jiġu rreġistrati u maħruġa b'numru ta' approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tfassal u żżomm aġġornata lista tal-korpi, l-istituti u ċ-ċentri approvati u n-numri ta' approvazzjoni tagħhom u għandha tagħmilha disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.

Programm volontarju jew obbligatorju ta' kontroll jew moniteraġġ.

14. (1) L-awtorità kompetenti tista' tħejji, direttament jew permezz ta' min irabbi, programm volontarju jew obbligatorju ta' kontroll jew moniteraġġ għal waħda mill-mardiet li hemm referenza dwarha fl-Iskeda B. Hija tista' tippreżenta l-programm lill-Kummissjoni u tista' partikolarment:

(a) id-distribuzzjoni tal-marda fit-territorju tagħha,

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) jekk il-mard ikunx notifikabbli,

(ċ) ir-raġunijiet għaliex ikun beda l-programm, jittieħed każ tal-effettività tiegħu dwar l-ispejjeż u s-sinifikat tal-marda,

(d) iż-żona ġeografika li fiha l-programm għandu jkun implimentat,

(e) il-kategoriji ta' status li għandhom ikunu applikati lill-istabbilimenti, il-ħtiġiet għal kull speċi meta jkunu introdotti f'razzett u l-proċeduri tat-testijiet li għandhom ikunu użati,

(f) il-programm ta' proċeduri ta' monitoraġġ, inkluża l-medda tal-involviment ta' min irabbi fl-implimentazzjoni tal-programm ta' kontroll jew monitoraġġ,

(g) l-azzjoni li għandha tittieħed jekk, għal xi raġuni, razzett jitlef l-istatus tiegħu,

(h) il-miżuri li għandhom jittieħdu jekk ir-riżultati tat-testijiet imwettqa permezz tal-programm ikunu pożittivi,

(i) in-natura mhux diskriminatorja ta' kummerċ fit-territorju ta' Malta kkonċernat fir-rigward tal-kummerċ intra-Komunitarju.

(2) Il-programmi msemmija fis-sub-regola (1) għandhom jiġu eżaminati mill-Kummissjoni, u jistgħu jiġu approvati permezz tal-proċedura li hemm provduta għaliha fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE. Permezz tal-istess proċedura, garanziji addizzjonali, ġenerali jew limitati, li jistgħu jkunu meħtieġa fil-kummerċ, u li m'għandhomx jeċċedu l-garanziji implimentati nazzjonalment, għandhom ikunu definiti fl-istess waqt jew l-aktar tard tliet xhur wara l-preżentazzjoni tal-programmi.

(3) Il-programmi sottomessi lill-Kummissjoni jistgħu jkunu emendati jew issupplimentati permezz tal-proċedura provduta fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE. Skont l-istess proċedura, jistgħu jsiru emendi lill-garanziji li hemm referenza għalihom fis-sub-regola (2).

VERŻJONI ELETTRONIKA

15. (1) Meta l-awtorità kompetenti tikkonsidra li t-territorju jew parti mit-territorju ta' Malta ikun ħieles minn waħda mill-mardiet imniżżla fl-Iskeda B li dwarha l-annimali koperti b'dawn ir-regoli huma suxxettibbli, din għandha tippreżenta lill-Kummissjoni dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn, li jistabbilixxi partikolarment:

Meta l-awtorità kompetenti tikkonsidra li t-territorju jew parti mit-territorju ta' Malta ikun ħieles minn waħda mill-mardiet imniżżla fl-Iskeda B.

(a) in-natura tal-marda u l-istorja tas-seħħ tagħha fit-territorju tiegħu,

(b) ir-riżultati ta' testijiet ta' sorveljanza bbażati fuq investigazzjonijiet seroloġiċi, mikrobioloġiċi, patoloġiċi jew epidemjoloġiċi,

(ċ) il-perjodu li matulu din il-marda kienet notifikabbli lill-awtoritajiet kompetenti,

(d) il-perjodu li matulu s-sorveljanza tkun imwettqa,

(e) fejn applikabbli, il-perjodu li matulu t-tilqima kontra l-marda tkun ġiet ipprojbita u ż-żona ġeografika kkonċernata bil-projbizzjoni,

(f) l-arranġamenti għal verifika tal-assenza tal-marda.

(2) Id-dokumentazzjoni msemmija fis-sub-regola (1) għandha tiġi eżaminata mill-Kummissjoni li tissottometti lill-Kumitat Permanenti Veterinarju deċiżjoni li tapprova jew tiċħad il-pjan. Jekk il-pjan ikun aċċettat, il-garanziji addizzjonali, ġenerali jew speċifiċi, li jistgħu jkunu meħtieġa fil-kummerċ, u li m'għandhomx jeċċedu l-garanziji implimentati nazzjonalment, għandhom ikunu imfissra permezz tal-proċedura provduta fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE.

Sa kemm tittieħed deċiżjoni, l-ħtiġiet relevanti meħtieġa sabiex jinżamm l-istatus kurrenti jistgħu jitħallew fin-negozjati fil-kummerċ.

(3) Il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifika b'xi tibdil fid-dettalji speċifikati fis-sub-regola (1). Il-garanziji kif imniżżla fis-sub-regola (2) jistgħu, fid-dawl ta' notifika bħal din, ikunu emendati jew irtirati skont il-proċedura provduta fl-Artikolu 26 tad Direttiva 92/65/KEE.

KAPITOLU III
Dispożizzjonijiet applikabbli dwar importazzjoni fil-Komunità

16. (1) Il-kondizzjonijiet applikabbli dwar importazzjoni ta' annimali, *semen*, *ova* u embrijuni koperti bir-regoli 17, 18, 18 u 20 għandhom mill-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk meħtieġa fil-

Importazzjoni ta' annimali, *semen*, *ova* u embrijuni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kapitolu II.

(2) Fir-rigward tal-qtates, il-klieb u l-inmsa, il-kondizzjonijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu tal-inqas ekwivalenti għal dawk previsti fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 10(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

(3) Barra mill-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregola (2), il-klieb, il-qtates u l-inmsa (nemsa) għandhom, matul it-trasport sal-post tad-destinazzjoni, ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa li jkun mimli u ffirmat minn veterinarju uffiċjali, li għandu jiċċertifika li sar eżami kliniku tmienja u erbgħin siegħa qabel il-ħin tat-tluq tal-annimali minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti u li jkun ivverifika li, fil-ħin tal-eżami kliniku, l-annimali kienu f'kondizzjoni tajba biex jiġu ttrasportati għall-vjaġġ intenzjonat.

Skopijiet tal-applikazzjoni uniformi tar-regola 16.

17. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi li ġejjin għandhom ikunu applikabbli għall-iskopijiet tal-applikazzjoni uniformi tar-regola 16.

(2) Annimali, *semen*, *ova* u embrijuni li hemm referenza għalihom fir-regola 11 biss li jissodisfaw il-ħtiġiet segwenti jistgħu jiġu importati fil-Komunità:

(a) iridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz fuq lista li għandha tkun imħejjija bi qbil mas-sub-regola (3)(a);

(b) irid ikun hemm magħhom iċ-ċertifikat tas-saħħa li jikkorrispondi għal mudell li għandu jitfassal skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE, iffirmat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż li jesporta u jiċċertifika li -

(i) l-annimali -

- jissodisfaw il-kondizzjonijiet addizzjonali jew joffru l-garanziji ekwivalenti msemmija fis-sub-regola (4); u

- ikunu ġejjin minn ċentri, korpi, istituti approvati li joffru garanziji tal-inqas ekwivalenti għal dawk fl-Iskeda Ċ;

(ii) is-*semen*, l-*ova* u l-embrijuni jkunu ġejjin minn ċentri approvati ta' ġbir u ta' ħażna jew skwadri ta' ġbir u ta' produzzjoni li joffru garanziji mill-inqas ekwivalenti għal dawk li jridu jiġu stabbiliti fl-Iskeda D (KAPITOLU I) skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Sakemm jiġu stabbiliti l-listi tal-pajjiżi terzi, l-istabbilimenti approvati elenkati fil-paragrafu (b), il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa kif imsemmi fil-paragrafi (a) u (b), għandhom jibqgħu japplikaw ir-regoli nazzjonali kemm-il darba ma jkunux aktar favorevoli minn dawk imniżżla fil-Kapitolu II.

(3) Skont l-informazzjoni rċevuta, għandu jiġi stabbilit:

(a) skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE, lista tal-pajjiżi terzi jew ta' partijiet minn pajjiżi terzi li huma kapaċi jipprovdu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni garanziji ekwivalenti għal dawk previsti fil-Kapitolu II fir-rigward ta' annimali, *semen*, *ova* u embrijuni;

(b) lista taċ-ċentri jew skwadri approvati kif imsemmija fir-regola 11(2)(a) u (3)(a) li jinsabu f'wieħed mill-pajjiżi terzi li jidhru fil-lista msemmija fil-paragrafu (a) hawn fuq u li għalihom l-awtorità kompetenti tista' tagħti l-garanziji previsti fir-regola 11(2) u (3).

Il-lista taċ-ċentri u l-iskwadri approvati msemmija f'dan il-paragrafu u n-numri ta' reġistrazzjoni veterinarja tagħhom għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni.

L-approvazzjoni ta' ċentri jew skwadri għandha tiġi immedjatament sospiża jew irtirata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jekk ma jissodisfawx aktar il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regola 11(2) u (3) u l-Kummissjoni għandha tiġi infurmata immedjatament b'dan;

(ċ) skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE, il-ħtiġiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali, b'mod partikolari għall-ħarsien tal-Komunità minn ċertu mard eżotiku, jew garanziji ekwivalenti għal dawk imsemmija f 'bdawn ir-regolamenti.

Il-ħtiġiet speċifiċi u l-garanziji ekwivalenti stabbiliti għal pajjiżi terzi ma jistgħux ikunu aktar favorevoli minn dawk imsemmija fil-Kapitolu II.

(4) Il-lista li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 3 tista' tinkludi biss pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi:

(a) li minnhom importazzjoni ma tkunx ipprojbita:

(i) bħala riżultat tal-eżistenza ta' waħda mill-

VERŻJONI ELETTRONIKA

mardiet li hemm referenza dwarha fl-Iskeda A jew xi mard eżotiku ieħor lejn il-Komunità,

(ii) bis-saħħa tal-Artikoli 6, 7 u 14 tad-Direttiva 72/462/KEE u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 91/495/KEE u tad-Direttiva 71/118/KEE (1) kif mfissra fl-Iskeda H jew, fil-każ tal-annimali l-oħra koperti b'dawn ir-regolamenti, permezz ta' deċiżjoni meħudha bi qbil mal-proċedura meħtieġa fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE, wara li jkun ikkunsidrat l-istat tas-saħħa tagħhom;

(b) li, minħabba l-leġislazzjoni tagħhom u tal-organizzazzjoni tas-servizzi veterinarji tagħhom u tas-servizzi ta' spezzjoni, il-poteri ta' servizzi bħal dawn u tas-superviżjoni li jkunu s-suġġett, jew kienu rikonoxxuti, bi qbil mal-Artikolu 3 (2) tad-Direttiva 72/462/KEE, bħala li jistgħu jiggarantixxu l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti tagħhom;

(ċ) is-servizzi veterinarji li jkunu jistgħu jiggarantixxu li l-ħtiġiet tas-saħħa jkunu mill-anqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa fil-Kapitolu II ikunu b'konformità magħhom.

(5) L-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz għandha tħalli esperti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri iwettqu spezzjonijiet fuq il-post biex jivverifikaw jekk il-garanziji mogħtija mill-pajjiż terz rigward il-kondizzjonijiet ta' produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ikunux jistgħu jiġu meqjusa bħala ekwivalenti għal dawk applikati fil-Komunità. L-esperti mill-Istati Membri responsabbli għal dawn l-ispezzjonijiet għandhom ikunu maħtura mill-Kummissjoni li taġixxi fuq proposta mill-Istati Membri. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom iseħħu f'isem il-Komunità, li għandha terfa' l-ispiża ta' kwalunkwe nefqa f'dan ir-rigward.

(6) Sa kemm isseħħ l-organizzazzjoni għall-ispezzjonijiet li hemm referenza għalihom fis-sub-regola 5, regoli nazzjonali applikabbli għall-ispezzjoni f'pajjiżi terzi għandhom jibqgħu jkunu applikabbli, suġġett għal notifika, permezz tal-Kumitat Permanenti Veterinarju, dwar xi nuqqas ta' konformità mal-garanziji offruti bi qbil mal-paragrafu 3, li jinstabu matul dawn l-ispezzjonijiet.

Importazzjoni ta' annimali, *semen*, *ova* u embrijuni fil-Komunità.

18. (1) L-Awtorità kompetenti għandha tassigura li l-annimali, *semen*, *ova* u embrijuni koperti b'dawn ir-regoli jkunu importati fil-Komunità biss jekk dawn:

(a) huma akkumpanjati b'ċertifikat li għandu jkun imħejji mill-veterinarju uffiċjali, il-mudell taċ-ċertifikat għandu, jiddependi mill-ispeċi, ikun imħejji skont il-proċedura meħtieġa

VERŻJONI ELETTRONIKA

fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE;

(b) ikunu issodisfaw l-verifiki meħtieġa bid-Direttivi 90/675/KEE u r-Regolamenti li Jirregolaw l-Organizzazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Komunità minn Pajjiżi minn Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera ġewwa t-Territorju ta' Malta; L.S. 437.40.

(ċ) ikunu għaddew, qabel il-konsenja lejn territorju tal-Komunità, minn verifika minn veterinarju uffiċjali biex jassigura li l-kondizzjonijiet tat-trasport speċifikati fir-Regolamenti dwar Kriterji għal *Staging Points* ikunu saru b'konformità mal-imsemmija regolamenti, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' ilma tax-xorb u l-għalf, L.S. 437. 04.

(d) ikunu, fil-każ ta' annimali li hemm referenza għalihom fir-regoli 5 sa 10, inżammu fi kwarantina qabel ma jitqiegħdu fis-suq, bi qbil mar-regoli ddettaljati li għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE.

(2) Sakemm ikunu stabbiliti r-regoli speċifiċi għal din ir-regola, ir-regoli nazzjonali applikabbli għal importazzjoni minn pajjiżi terzi li dwarhom dawn il-ħtiġiet ma jkunux ġew adottati fil-livell tal-Komunità għandhom jibqgħu jkunu applikabbli, sakemm dawn ma jkunux aktar favorevoli minn dawk meħtieġa fil-Kapitolu II.

Applikabilità tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/ KEE.

19. Is-segwenti għandu jkun deċiż permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE:

(a) ħtiġiet speċifiċi dwar is-saħħa tal-annimali, għal importazzjoni fil-Komunità, u n-natura u l-kontenut ta' dokumenti li jakkumpanjaw annimali intenzjonati għal ġonna żoloġiċi, kummidji, ġonna ta' divertiment jew laboratorji sperimentali, skont l-ispeċi;

(b) garanziji addizzjonali għal dawk li hemm provvediment dwarhom fir-rigward ta' speċi varji ta' annimali koperti b'dawn ir-regoli, biex ikunu protetti l-ispeċi kkonċernati tal-Komunità.

Applikabilità tar-Regolamenti li Jirregolaw l-Organizzazzjoni tal-Verifiki Veterinarji fuq Prodotti li jidħlu fit-Territorju ta' Malta minn Pajjiżi Terzi. L.S.437.41.

20. (1) Ir-regoli stabbiliti fir-Regolamenti li Jirregolaw l-Organizzazzjoni tal-Verifiki Veterinarji fuq Prodotti li jidħlu fit-Territorju ta' Malta minn Pajjiżi Terzi għandhom japplikaw, b'mod partikolari għall-organizzazzjoni u s-segwitu tal-verifiki li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri u l-miżuri ta' salvagwardja li għandhom ikunu applikati skont il-proċedura msemmija fir-regolament 19 tal-imsemmija regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L.S. 437.40.

(2) Sakemm jiġu implimentati d-deċiżjonijiet previsti fir-regolament 8(6) tar-Regolamenti li Jirregolaw l-Organizzazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Komunità minn Pajjiżi minn Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera ġewwa t-Territorju ta' Malta, id-dispożizzjonijiet relevanti tas-sub-regolamenti (1) u (2) tal-imsemmi regolament jibqgħu japplikaw, mingħajr preġudizju għal konformità mal-prinċipji u r-regoli li hemm referenza għalihom fis-sub-regola (1).

KAPITOLU IV
Dispożizzjonijiet Komuni Finali

Kampjuni ta' ċertifikati applikabbli għall-kummerċ.

21. Il-kampjuni kollha ta' ċertifikati applikabbli għal kummerċ u l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li għandhom ikunu milħuqa biex ikun possibbli għal kummerċ f'annimali, *semen*, *ova* u embrijuni apparti minn dawk koperti bir-regoli 5 sa 11 għandhom, jekk jinqala' l-każ, jkunu ddeterminati permezz tal-proċedura pprovduta fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/EEC. Meta jsiru tali modifiki u emendi fil-kampjuni ta' ċertifikati, dawn il-verżjonijiet emendati jitiqsu li japplikaw taħt dawn ir-regoli minflok il-kampjuni ta' ċertifikati preżenti.

Skedi.

22. L-Iskedi ma' dawn ir-regoli għandhom jiġu emendati kull darba li l-annessi relattivi għad-Direttiva 92/65/KEE jiġu emendati taħt il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 26 tal-imsemmija Direttiva.

Deroga minn Kapitoli II.

23. Permezz tal-proċedura provduta fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/KEE, ħtiġiet speċjali jistgħu jkunu meħtieġa, jekk xieraq, bħala deroga minn Kapitolu II, għal moviment ta' annimali tal-kummiedji jew tal-luna park u għal kummerċ f'annimali, *semen*, *ova* u embrijuni intenzjonati għal ġonna zoologiċi, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relatati mal-kummiedji fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Kap. 439.

Ċertifikat tas-saħħa.

24. L-awtorità kompetenti għandha tħalli d-dħul f'Malta dawk l-annimali (inkluż għasafar tal-gaġġa), *semen*, *ova* u embrijuni li hemm referenza għalihom f'dawn ir-regoli li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz soġġett għall-produzzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa li jiċċertifika konformità mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli, u l-Kummissjoni u l-Membri Stati oħra għandhom jiġu infurmati f'dan is-sens.

Non-applikabilità tad-deroga.

25. Id-deroga għar-regola 10(2)(b) skont is-setgħat delegati lill-Istati Membri bl-artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill 576/2013 biex jawtorizzaw il-moviment mhux kummerċjali fit-territorju tagħhom minn Membri Stati oħra ta' annimali mrobbija għall-gost tal-ispeċi mniżżla fit-Taqsima A tal-Anness I tal-istess Regolament tal-Kunsill relatat mal-klieb, il-qtates u l-inmsa (nemsa) m'għandiex

VERŻJONI ELETTRONIKA

tiġi applikata. L-imsemmija regola 10(2) (b) tiġi applikata għall-klieb, il-qtates u l-inmsa li joriġinaw minn pajjiżi terzi, u annimali ta' dawn l-ispeċji iżgħar minn ħmistax-il ġimgħa ma jiġux aċċettati mal-importazzjoni. L-istess regola tapplika ukoll għall-annimali kollha mniżżla fit-Taqsima A tal-Iskeda H li huma iżgħar minn ħmistax-il ġimgħa u tali annimali ma jitħallewx jivvjaġġaw.

Deroga reċiproka mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6(a)(1))f), 8(b) u 11(1)(d) tad-Direttiva 92/65/KEE.

26. L-awtorità kompetenti tista' tagħti lil Stat Membru ieħor deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6(A)(1)(f), 8(b) u 11(1)(d) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq bażi reċiproka jekk l-Istat Membru li jirċievi jkun implimenta sistema ta' kontroll alternattiva għal dawk mniżżla f'dawn ir-regoli f'dak li jirrigwarda moviment fit-territorju tagħhom tal-annimali, *semen*, *ova* u embrijuni.

Miżuri transitorji.

27. Permezz tal-proċedura provduta fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 92/65/EEC, miżuri transitorji jistgħu jkunu adottati għal perjodu ta' tliet snin sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għall-arranġamenti l-ġodda stabbiliti b'dawn ir-regoli.

Reati u pieni.

28. (1) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli u tar-Regolamenti tal-Kunsill 576/2013 u 577/2013 ikun ħati ta' reat u, meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt euro (€23,300), jew priġunerija għal żmien mhux itwal minn sitt xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien.

(2) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli u tar-Regolamenti tal-Kunsill 576/2013 u 577/2013 limea ksur jirrelata biss mat-tfassil ta' ċertifkati jew dokumenti li ma jikkonformawx jew mhumiex skont il-ħtiġiet msemmija fir-regola 12(1), u mal-ħtiġiet tar-Regolamenti tal-Kunsill 576/2013 u 577/2013 ikun ħati ta' reat u, meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn tlett mitt euro (€300).

(3) Kull min jikkommetti ksur ta' dawn ir-regoli li jinvolvi l-identifikazzjoni ta' annimali jew l-immarkar ta' *semen*, *ova* u embrijuni li ma jikkonformax jew ma jsirx skont ir-regoli stabbiliti fil-liġi tal-Komunità Ewropea u leġislazzjoni nazzjonali fuq dan is-suġġett ikun ħati ta' reat u, meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt euro (€23,300) jew priġunerija għal żmien mhux itwal minn sitt xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien.

(4) Kull min jikkommetti ksur ta' dawn ir-regoli li jinvolvi nuqqas ta' verifiki ta' annimali jew prodotti in kwistjoni kif meħtieġ fir-regola 12, jew ir-Regolament tal-Kunsill 576/2013 u 577/2013, jew f'liġi oħra relevanti tal-Komunità Ewropea jew leġislazzjoni nazzjonali jeħel l-istess penalitajiet stabbiliti fis-sub-regola (1).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Kull min jikkommetti ksur tal-ħtiġiet tar-Regolament tal-Kummissjoni 1152/2011, kif meħtieġ mill-artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill 576/2013, li jinvolvi biss in-nuqqas ta' amministrazzjoni ta' aġenti antiparassitiċi kif meħtieġ mill-leġislazzjoni li tirregola l-moviment u l-importazzjoni ta' klieb ikun ħati ta' reat u, meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn disgħin euro (€90), flimkien mal-ħlasijiet għall-perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa fi kwarantina, l-ispejjeż tal-medikazzjoni u kull spiża oħra minfuqa matul il-perijodu ta' kwarantina għal kull annimal.

Applikabilità ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Att.

29. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 57(2), 58, 60 u 61 tal-Att japplikaw għal ksur ta' dawn ir-regoli li huma punibbli skont ir-regola 28.

Revoka tal-A.L. 351 tal-2009.

30. Ir-Regoli dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, *Semen*, *Ova* u Embrijuni mhux soġġetti għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità, 2009, huma b'dan revokati.

SKEDA A
Il-Mard notifikabbli fil-kuntest tad-Direttiva 92/65/KEE

Marda	Ordni/familja/speċi primarjament konċernata
Marda Afrikana taż-żwiemel	*Ekwidej*
Id-deni tal-ħnieżer nisa	*Swidej* u *Tajasswidej*
L-influwenza tal-għasafar	Tjur
Foulbrood Amerikana	Apis
Antraċi	*Bovidae*, *Camelidae*, *Cervidae*, *Elephantidae*, *Ekwidej* u *Hippo-potamidae*
Bluetongue	*Antilocapridae*, *Bovidae*, *Cervidae*, *Giraffidae*, u *Rhinocerotidae*
Brucella abortus	*Antilocapridae*, *Bovidae*, *Camelidae*, *Cervidae*, *Giraffidae*, *Hippo-potamidae* u *Tragulidae*
Brucella melitensis	*Antilocapridae*, *Bovidae*, *Camelidae*, *Cervidae*, *Giraffidae*, *Hippo-potamidae* u *Tragulidae*

VERŻJONI ELETTRONIKA

Brucella ovis	*Camelidae*, *Tragulidae*, *Cervidae*, *Giraffidae*, *Bovidae* u *Antil-ocapridae*
Brucella suis	*Cervidae*, *Leporidae*, *Ovibos moschatus*, *Suidae* u *Tayassuidae*
Swine Fever Klassika	*Suidae* u *Tayassuidae*
Pleuropneumonia kontagjuża tal-bovini	Bovini (inklużi żebu, buflu, biżonte u yak)
Ebola	Primati mhux umani
Mard tal-ilsien u d-dwiefer	Artiodactyla u iljunfati Asjatici
Infectious haematopoeitic necrosis	Salmonide
Marda tal-gilda mħattba	*Bovidae* u *Giraffidae*
Monkey pox	Rodentia u primati mhux umani
Mycobacterium bovis	*Mammiferi*, partikolarment *Antilocapridae*, *Bovidae*, *Camelidae*, *Cervidae*, *Giraffidae*, u *Tragulidae*
Newcastle disease	*Aves*
Peste des petits ruminants	*Bovidae* u *Suidae*
Porcine enterovirus encephalomyelitis	*Suidae*
Psitacosis	*Psittaciformes*
Rabies	*Carnivora* u *Chiroptera*
Rift valley fever	*Bovidae*, *Camelus* speċi u *Rhinocerotidae*
Rinderpest	*Artiodactyla*
Small hive beetle (Aethina tumida)	*Apis* u *Bombus*
Sheep u *goat pox*	Bovidae
Marda vexxikoluża tal-majjal	*Suidae* u *Tayassuidae*
Tropilaelaps mite (Tropilaelaps spp).	Apis
Vexxikoluża stomatitis	*Artiodactyla* u *Equidae*
TSE	*Bovidae, Cervidae, Felidae* u *Mustelidae*

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA B
Lista ta' Mard li dwaru l-Programmi Nazzjonali jistgħu jkunu Rikonoxxuti permezz tad-Direttiva 92/65/KEE

Mink	Enterite virali Mard Alewzjan
Naħal	Foulbrood Ewropew Varroasus u acariasis
Xadini u felidi	Tuberkolożi
Ruminanti	Tuberkolożi
Lagomorfi	Myxomatosis Mard emoraġiku virali Tularaemia

SKEDA Ċ
Kondizzjonijiet li jirregolaw l-approvazzjoni ta' korpi, istituti jew ċentri

1. Sabiex tingħata approvazzjoni uffiċjali skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 92/65/KEE, korp, istitut jew ċentru kif definit fl-Artikolu 2(1)(ċ) għandu:

(a) ikun mmarkat b'mod ċar u separat mill-ambjent tiegħu, jew l-annimali jkunu magħluqa jew imqiegħda b'mod li ma jkunux ta' riskju sanitarju lill-impriżi agrikoli li l-istat ta' saħħa tagħhom jista' jitqiegħed fil-periklu;

(b) ikollhom mezz xieraq biex jaqbdu, jagħlqu u jiżolaw annimali u, jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom faċilitajiet ta' kwarantina xierqa u proċeduri approvati għal annimali ġejjin minn imkejjen mhux approvati;

(ċ) ikunu ħielsa mill-mard elenkat fl-Anness A u l-mard elenkat fl-Anness B meta l-pajjiż ikollu programm skont l-Artikolu 14. Sabiex korp, istitut jew ċentru jiġi ddikjarat liberu minn dan il-mard l-awtorità lokali kompetenti għandha tagħmel eżami tar-reġistri tal-istat sanitarju tal-annimali miżmuma għall-inqas għat-tliet snin preċedenti u r-riżultati tat-testijiet kliniċi u tal-laboratorji mwettqa fuq l-annimali fil-korp, istitut jew ċentru. B'danakollu, b'deroga minn din il-ħtieġa, għandhom jiġu approvati stabbilimenti ġodda jekk l-annimali miġbura hemm ikunu ġejjin minn stabbilimenti approvati;

(d) iżommu reġistri aġġornati li jindikaw:

(i) in-numru, l-identità (età, sess, speċi u identifikazzjoni individwali fejn hu prattiku) tal-annimali ta' kull speċi preżenti fl-istabbiliment;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) in-numru, l-identità (età, sess, speċi u identifikazzjoni individwali fejn hu prattiku) tal-annimali li jaslu fl-istabbiliment jew jitilqu minnu, flimkien mal-informazzjoni dwar l-oriġini jew id-destinazzjoni tagħhom, it-trasport minn jew lejn l-istabbiliment u l-istat sanitarju tal-annimali;

(iii) ir-riżultati ta' testijiet tad-demm u proċeduri djanjostiċi oħra;

(iv) il-każijiet ta' mard u, fejn xieraq, it-trattament mogħti;

(v) ir-riżultati tal-eżamijiet *post-mortem* fuq annimali li mietu fl-istabbiliment, inklużi annimali li twieldu mejta;

(vi) l-osservazzjonijiet li saru waqt xi perjodu ta' iżolament jew kwarantina;

(e) ikollhom jew arranġament ma' laboratorju kompetenti biex iwettqu eżamijiet *post-mortem*, jew ikollhom post wieħed jew aktar xierqa fejn dawn l-eżamijiet jistgħu jitwettqu minn persuna kompetenti taħt l-awtorità tal-veterinarju approvat;

(f) ikollhom jew arranġamenti xierqa jew faċilitajiet fil-post għal tneħħija xierqa tal-iġsma ta' annimali li jmutu minn marda jew jiġu ewtanizzati;

(g) jiżguraw, b'kuntratt jew strument legali ieħor, is-servizzi ta' veterinarju approvat minn jew taħt il-kontroll tal-awtorità lokali kompetenti, li:

(i) għandha tikkonforma *mutatis mutandis* mal-ħtiġiet msemmija fl-Artikolu 14(3)(B) tad-Direttiva 64/432/KEE,

(ii) għandha taċċerta li jiġu approvati mill-awtorità lokali kompetenti u applikati fil-korp, istitut jew ċentru, miżuri xierqa ta' sorveljana u kontroll dwar is-sitwazzjoni tal-mard fil-pajjiż ikkonċernat. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu:

- pjan ta' sorveljanza annwali tal-mard li jinkludi kontroll xieraq fuq l-annimali għaż-żoonożi,

- testijiet kliniċi, tal-laboratorju, u ta' *post-*

VERŻJONI ELETTRONIKA

mortem ta' annimali suspettati li jkunu milquta minn mard li jittieħed,

- vaċċinazzjoni ta' annimali suxxettibili għall-mard infettiv kif xieraq, biss b'mod konformi mal-leġislazzjoni Komunitarja;

(iii) tiżgura li xi mewt suspettuża jew preżenza ta' sintomu li joħloq suspett li l-annimali li ħadu xi marda jew aktar mill-mard imsemmi fl-Annessi A u B tiġi avżata bihom mingħajr dewmien l-awtorità lokali kompetenti, jekk dik il-marda partikolari trid tiġi notifikata fl-Istat Membru kkonċernat;

(iv) tassigura li l-annimali deħlin ġew iżolati kif meħtieġ, u skont il-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/KEE u l-istruzzjonijiet, jekk hemm, mogħtija mill-awtorità kompetenti;

(v) tkun responsabbli għall-konformità ta' kuljum mal-ħtiġiet sanitarji tal-annimali tad-Direttiva 92/65/KEE u leġislazzjoni Komunitarja dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport u t-tneħħija tal-iskart tal-annimali;

(h) jekk iżżomm annimali maħsuba għal laboratorji li jwettqu esperimenti, isir skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/609/KEE.

2. L-approvazzjoni għandha tibqa' meta l-ħtiġiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) il-post huwa taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali mill-awtorità kompetenti, li għandu:

(i) jżur il-post tal-korp, istitut jew ċentru għall-inqas darba kull sena;

(ii) jivverifika l-attività tal-veterinarju approvat u l-implimentazzjoni tal-pjan annwali ta' sorveljanza;

(iii) jassigura li jintlaħqu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/65/KEE;

(b) jiġu ntrodotti biss fl-istabbiliment dawk l-annimali li jiġu minn korp, istitut jew ċentru approvat ieħor, skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) il-veterinarju uffiċjali jivverifika li:

- id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/65/KEE jkunu sodisfatti,

- ir-riżultati tat-testijiet kliniċi, tal-*post-mortem* u tal-laboratorji fuq l-annimali ma jkunu żvelaw l-ebda okkorrenza tal-mard imsemmi fl-Annessi A u B;

(d) il-korp, l-istituzzjoni jew iċ-ċentru jżomm ir-reġistri msemmija fil-punt 1(d) wara l-approvazzjoni, għal perjodu ta' mhux inqas minn għaxar snin.

3. B'deroga mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 92/65/KEE u l-punt 2(b) ta' dan l-Anness, annimali inklużi xadini (*simiae* u *prosimiae*) li joriġinaw minn band'oħra barra mill-korp, istitut jew ċentru approvat jistgħu jiġu ntrodotti f'korp, istitut jew ċentru approvat, kemm-il darba dawn l-annimali jiġu sottomessi għal kwarantina taħt kontroll uffiċjali u skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti qabel ma jidħlu f'dak l-istabbiliment.

Għax-xadini (*simiae* u *prosimiae*) il-ħtiġiet tal-kwarantina stabbiliti fil-Kodiċi Internazzjonali Sanitarju tal-OIE (Kapitolu 2.10.1 u Appendiċi 3.5.1) għandhom jiġu rispettati.

Għal annimali oħrajn fil-kwarantina skont il-punt 2(b) ta' dan l-Anness, il-perjodu ta' kwarantina għandu jkun mhux inqas minn 30 jum għar-rigward tal-mard elenkat fl-Anness A.

4. Annimali miżmuma f'korp, istitut jew ċentru approvat, jistgħu biss jinħarġu mill-istabbiliment jekk huma destinati għal korp, istitut jew ċentru approvat ieħor, f'dak l-Istat Membru jew fi Stat Membru ieħor; iżda jekk mhux destinati għal korp, istitut jew ċentru approvat, jistgħu jinħarġu biss skont il-ħtiġiet tal-awtorità kompetenti biex jiġi aċċertat li ma hemm l-ebda riskju ta' tixrid tal-mard.

5. Meta l-Istat Membru jkollu l-benefiċċju ta' garanziji addizzjonali taħt leġislazzjoni Komunitarja, jista' jitlob ħtiġiet u ċertifikazzjoni addizzjonali xierqa għall-ispeċi suxxettibbli li jkunu ser jiżdiedu mal-korp, istitut jew ċentru approvat.

6. Il-proċeduri għas-sospensjoni, l-irtirar jew restituzzjoni parzjali jew fl-intier, tal-approvazzjoni huma dawn li ġejjin:

(a) meta l-awtorità lokali kompetenti ssib li l-ħtiġiet tal-punt 2 ma ġewx sodisfatti jew kien hemm tibdil fl-użu li ma jkunx għadu kopert mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 92/65/KEE, l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

approvazzjoni għandha tiġi sospiża jew irtirata;

(b) meta jingħata avviż ta' suspett ta' waħda mill-mardiet elenkati fl-Anness A jew B, l-awtorità lokali kompetenti, għandha tissospendi l-approvazzjoni tal-korp, istitut jew ċentru, sakemm is-suspett jitneħħa uffiċjalment. Skond il-marda involuta u r-riskju tat-tixrid tal-mard, is-sospensjoni tista' tirreferi għall-istabbiliment kollu jew biss għal xi kategoriji ta' annimali suxxettibbli għall-marda in kwistjoni. L-awtorità lokali kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri meħtieġa biex jiġi konfermat jew eskluż is-suspett, u li jiġi evitat it-tixrid tal-mard, skont leġislazzjoni Komunitarja li tirregola l-miżuri meħuda kontra l-marda in kwistjoni u dwar il-kummerċ fl-annimali;

(ċ) meta tiġi kkonfermata l-marda suspettata, il-korp, istitut jew ċentru għandu jiġi approvat mill-ġdid biss, meta l-kondizzjonijiet stabbiliti f'punt 1 ta' dan l-Anness, minbarra l-punt 1(ċ), jerġgħu jiġu sodisfatti wara l-eradikazzjoni tal-marda u tal-għejun ta' infezzjoni fil-post, inkluż tindif u diżinfettazzjoni xierqa;

(d) l-awtorità lokali kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar is-sospensjoni, l-irtirar jew ir-restituzzjoni ta' approvazzjoni ta' korp, istitut jew ċentru.

SKEDA D
KAPITOLU I

Kundizzjonijiet applikabbli għaċ-ċentri tal-ġbir tas-*semen*, ċentri tal-ħażna tas-*semen*, gruppi tal-ġbir tal-embrijuni u gruppi għall-produzzjoni tal-embrijuni

I. Kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-ġbir tas-*semen* u ċentri tal-ħażna

1. Sabiex jingħata l-approvazzjoniu n-numru tar-reġistrazzjoni veterinarju msemmi fl-Artikolu 11(4), kull ċentru tal-ġbir tas-*semen* għandu:

1.1. jitqiegħed taħt is-superviżjoni ta' veterinarju taċ-ċentru awtorizzat mill-awtorità kompetenti;

1.2. ikollu mill-inqas:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) akkomodazzjoni tal-annimali li tissakkar u jekk meħtieġ għal *equidae* żona tal-eżerċizzju li tkun fiżikament separata mill-faċilitajiet tal-ġbir, il-kmamar tal-ipproċessar u l-ħażna;

(b) faċilitajiet tal-iżolament li m'għandhomx komunikazzjoni diretta mal-akkomodazzjoni normali tal-annimali;

(ċ) faċilitajiet tal-ġbir tas-*semen*, li jista' jkollhom aċċess għall-arja u protetti minn effetti tal-maltemp, b'pavimentar kontra ż-żlieq li jipproteġiehom minn feriti gravi f'każ ta' waqgħa, fil-post tal-ġbir tas-*semen* jew madwaru, mingħajr ħsara għal-ħtiġiet fil-punt 1.4;

(d) kamra separata għat-tindif u d-diżinfettar jew l-isterilizzazzjoni tat-tagħmir;

(e) kamra tal-ipproċessar tas-*semen* separata mill-faċilitajiet tal-ġbir u l-kamra għat-tagħmir tat-tindif imsemmi fil-punt (d) li m'għandhiex għalfejn tkun fl-istess post;

(f) kamra tal-ħażna tas-*semen* li m'għandhiex għalfejn tkun fl-istess post;

1.3. ikun mibni jew iżolat b'mod li jiġi evitat il-kuntatt mal-bhejjem ta' barra;

1.4. ikun mibni b'mod li ċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* kollu minbarra l-uffiċċji u, fil-każ tal-equidae ż-żona tal-eżerċizzju, ikunu jistgħu faċilment jitnaddfu u jiġu diżinfettati.

2. Sabiex jiġi approvat kull ċentru tal-ħażna tas-*semen* għandu:

(a) fil-każ li l-ħażna mhix limitata għal *semen* ta' speċi waħda miġbura f'ċentri tal-ġbir tas-*semen* approvati skont din id-Direttiva, jew embrijuni maħżuna fiċ-ċentru skont din id-Direttiva, jingħataw numri tar-reġistrazzjoni veterinarji kif imsemmi fl-Artikolu 11(4) għal kull waħda mill-ispeċi li s-*semen* tagħha hu maħżun fiċ-ċentru;

(b) jitqiegħed taħt is-superviżjoni permanenti ta' veterinarju taċ-ċentru awtorizzat mill-awtorità kompetenti;

(ċ) ikollu kamra bil-ħażna tas-*semen* mgħammra bl-installazzjoni meħtieġa għall-ħażna tas-*semen* u/jew l-embrijuni, li tkun mibnija b'tali mod li tipproteġi dawk il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

prodotti u l-installazzjoni minn maltemp u effetti ambjentali negattivi;

(d) ikun mibni b'mod li jiġi evitat il-kuntatt mal-bhejjem ta' barra jew annimali oħra;

(e) ikun mibni b'mod li ċ-ċentru kollu minbarra l-uffiċċji u, fil-każ ta' *equidae* iż-żona tal-eżerċizzju, ikunu jistgħu jitnaddfu u jiġu diżinfettati faċilment;

(f) ikun mibni b'mod li l-aċċess mhux awtorizzat tannies jiġi evitat b'mod effettiv.

II. kundizzjonijiet għas-superviżjoni tal-ġbir tas-semen u ċ-ċentri tal-ħażna

1. Iċ-ċentri tal-ġbir tas-*semen* għandhom:

1.1. jiġu sorveljati biex jiżguraw li

(a) fihom biss annimali tal-ispeċi li s-*semen* tagħhom għandha tinġabar;

Annimali domestiċi oħra jistgħu xorta waħda jiġu aċċettati, sakemm ma jkunux ta' riskju ta' infezzjoni għal dawk l-ispeċi li s-*semen* tagħhom għandha tinġabar, u li jkunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-veterinarju taċ-ċentru.

Jekk fil-każ tal-*equidae*, iċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* ikollu l-istess sit bħal ċentru jew servizz tal-inseminazzjoni artifiċjali, allura l-*equidae* ta' sess femminili ("debbiet") u *equidae* ta' sess maskili mhux kastrati ("żwiemel tar-razza") għal servizz ta' teasing jew naturali, għandhom jiddaħħlu wkoll sakemm jissodisfaw il-ħtiġiet tal-punti 1.1, 1.2, 1.3 u 1.4 tat-Taqsima I tal-Kapitolu II.

(b) id-dħul ta' persuni mhux awtorizzati hu evitat u li l-viżitaturi awtorizzati jkunu mitluba li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-veterinarju taċ-ċentru;

(ċ) jiġi impjegat biss persunal kompetenti biss li rċieva taħriġ adattat dwar id-diżinfettar u t-tekniċi tal-iġjene sabiex jevita t-tifrix tal-mard;

1.2. jiġu sorveljati biex jiġi żgurat li:

(a) jinżammu rekords li juru:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-ispeċi, ir-razza, id-data tat-twelid u l-identifikazzjoni ta' kull annimal preżenti fiċ-ċentru,

(ii) kwalunkwe moviment ta' annimali li jidħlu jew joħorġu miċ-ċentru,

(iii) l-istorja tas-saħħa u t-testijiet dijanjostiċi kollha u r-riżultati tagħhom, it-trattamenti u t-tilqim imwettqa fuq l-annimali miżmuma,

(iv) id-data tal-ġbir u l-ipproċessar tas-*semen*,

(v) id-destinazzjoni tas-*semen*,

(vi) il-ħażna tas-*semen*;

(b) l-ebda wieħed mill-annimali miżmuma fiċ-ċentru ma jintuża għal tgħammir naturali għal mill-inqas 30 ġurnata qabel id-data tal-ewwel ġabra tas-*semen* u matul il-perjodu tal-ġbir;

(ċ) il-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna tas-*semen* jitwettqu biss f'postijiet riżervati speċifikament għal dawn l-għanijiet;

(d) l-istrumenti kollha li jiġu f'kuntatt mas-*semen* jew l-annimal donatur matul il-ġbir u l-ipproċessar jiġu diżinfettati jew sterilizzati b'mod xieraq qabel l-użu, minbarra strumenti li huma ġodda, li jintużaw darba biss u li jintremew wara l-użu ("strumenti b'użu ta' darba");

Fejn, fil-każ tal-*equidae*, iċ-ċentru tal-ġbir ikun jinsab fl-istess post ma' ċentru tal-inseminazzjoni artifiċjali jew ċentru tas-servizz, għandu jkun hemm separazzjoni stretta bejn is-*semen* u l-istrumenti u t-tagħmir għal inseminazzjoni artifiċjali jew servizz naturali u strumenti u tagħmir li jiġu f'kuntatt ma' annimali donaturi jew annimali oħra miżmuma fiċ-ċentru tal-ġbir.

(e) il-prodotti li ġejjin mill-annimali użati fl-ipproċessar tas-*semen*, inklużi dilwenti, addittivi jew sustanzi miżjuda, jinkisbu minn sorsi li mhumiex ta' riskju għas-saħħa tal-annimali jew li qabel l-użu jiġu trattati b'mod li dan ir-riskju jiġi evitat;

(f) l-aġenti krioġeniċi użati għall-preżervazzjoni jew il-ħażna ta' *semen* ma ġewx użati qabel għal prodotti oħra tal-oriġini tal-annimali;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) il-konteniturі tal-ħażna u l-konteniturі tat-trasport ikun ġew diżinfettati jew sterilizzati kif suppost qabel il-bidu ta' kull operazzjoni tal-mili, minbarra konteniturі li huma ġodda, li jintużaw darba biss u li jintremew wara l-użu (konteniturі b'użu ta' darba);

(h) kull doża individwali ta' *semen* jew kull eġakulazzjoni ta' *semen* friska intiża għal iżjed ipproċessar tiġi mmarkata b'mod li d-data tal-ġbir tas-*semen*, l-ispeċi, ir-razza u l-identifikazzjoni tal-annimal donatur u n-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* ikunu jistgħu jiġu stabbiliti faċilment;

1.3. jiġu spezzjonati minn veterinarju uffiċjali matul l-istaġun tat-tgħammir mill-inqas darba kull sena kalendari fil-każ ta' annimali b'tgħammir staġjonali u darbtejn kull sena kalendari fil-każ ta' riproduzzjoni mhux staġjonali sabiex jiġi kkunsidrat u vverifikat, fejn meħtieġ fuq il-bażi ta' rekords, il-proċeduri operattivi standard u l-verifiki interni, il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni, superviżjoni u sorveljanza.

2. Iċ-ċentri tal-ħażna tas-*semen* għandhom:

2.1. ikunu sorveljati biex jiżguraw li:

(a) l-istat tal-annimali donaturi li s-*semen* tagħhom jinħażen fiċ-ċentru jikkonforma mal-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/KEE;

(b) il-ħtiġiet stabbiliti fil-punti 1.1(b) u (c) jiġu osservati;

(ċ) jinżammu rekords tal-moviment kollu tas- *semen* li tidħol u toħroġ iċ-ċentru tal-ħażna;

2.2. ikunu sorveljati li:

(a) is-*semen* li jinġabar u li jkun ġej minn ċentri approvati tal-ġbir jew il-ħażna tas-*semen* u trasportat f 'kundizzjonijiet li joffru kull garanzija tas-saħħa possibbli, li ma jkunx ġie f'kuntatt ma' *semen* li ma jikkonformax mad-Direttiva 92/65/KEE biss, jiddaħħal f'ċentru approvat tal-ħażna tas-*semen*;

(b) il-ħażna tas-*semen* isseħħ biss fuq il-postijiet speċifikati għal dak il-għan u taħt kundizzjonijiet stretti tal-iġjene;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) l-istrumenti kollha li jkollhom kuntatt mas-*semen* jiġu diżinfettati jew sterilizzati kif xieraq qabel l-użu, minbarra għal strumenti li jintużaw darba;

(d) il-konteni turi tal-ħażna u l-konteni turi tat-trasport ikunu diżinfettati jew sterilizzati kif xieraq qabel il-bidu ta' kull operazzjoni tal-mili, minbarra għal konteni turi li jintużaw darba;

(e) aġenti krijoġeniċi użati għall-preżervazzjoni jew il-ħażna ta' *semen* li ma kinux intużaw qabel għal prodotti oħra li ġejjin mill-annimali;

(f) kull doża individwali ta' *semen* hi mmarkata b'mod ċar b'mod li d-data tal-ġbir tas-*semen*, l-ispeċi, ir-razza u l-identifikazzjoni tal-annimal donatur, in-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* ikunu jistgħu faċilment jiġu identifikati; kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra l-karatteristiċi u l-forma tal-immarkar użata fit-territorju tiegħu;

2.3. permezz ta' deroga mill-punt 2.2(a), il-ħażna tal-embrijuni fiċ-ċentru approvat tal-ħażna tas-*semen* tkun awtorizzata sakemm jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/ KEE u jinħażnu f'konteni turi tal-ħażna separati;

2.4. jiġu spezzjonati minn veterinarju uffiċjali mill-inqas darbtejn kull sena kalendarji sabiex jiġu kkunsidrati u vverifikati, fejn hu meħtieġ fuq bażi ta' rekords, il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni, superviżjoni u moniteraġġ.

III. Kundizzjonijiet għall-approvazzjoni u s-superviżjoni ta' gruppi tal-ġbir tal-embrijuni u gruppi tal-produzzjoni tal-embrijuni

1. Sabiex tingħata l-approvazzjoni kull grupp tal-ġbir tal-embrijuni għandu jikkonforma mal-ħtiġiet li ġejjin:

1.1. il-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' embrijuni għandhom jitwettqu minn veterinarju tal-grupp jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn wieħed jew iżjed mill-persuni tekniċi li huma kompetenti u mħarrġa mill-veterinarju tal-grupp fil-metodi u t-tekniki tal-iġjene u f'tekniki u prinċipji tal-kontroll tal-mard;

1.2. il-veterinarju tal-grupp għandu jkun responsabbli għall-operazzjonijiet kollha tal-grupp, inklużi fost affarijiet oħra:

(a) verifika tal-identità u l-istat tas-saħħa tal-annimal donatur,

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) ġestjoni sanitarja u kirurġija ta' annimali donaturi,

(ċ) proċeduri ta' diżinfettar u iġjene,

(d) żamma ta' rekords li juru:

(i) l-ispeċi, ir-razza, id-data tat-twelid u l-identifikazzjoni ta' kull annimal donatur,

(ii) l-istorja tas-saħħa u t-testijiet dijanjostiċi kollha u r-riżultati tagħhom, trattamenti u tilqim imwettqa fuq annimali donaturi,

(iii) il-post u d-data tal-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' ooċiti, *ova* u embrijuni,

(iv) l-identifikazzjoni ta' embrijuni u dettalji tad-dettalji tagħhom jekk magħrufa;

1.3. il-grupp għandu jitqiegħed taħt is-superviżjoni ġenerali tal-veterinarju uffiċjali, li għandu jispezzjonaha mill-inqas darba kull sena kalendarja biex jiżgura, fejn hu meħtieġ fuq bażi ta' rekords, proċeduri operattivi standard u verifiki interni, konformità mal-kundizzjonijiet sanitarji dwar il-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' embrijuni u biex jivverifika l-kwisjonijiet kollha relatati mal-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni u s-superviżjoni;

1.4. il-grupp għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu laboratorju li jkun jinsab f'post fiss jew laboratorju mobbli fejn l-embrijuni jkunu jistgħu jiġu eżaminati, proċessati u ppakkjati, li jikkonsistu mill-inqas f'wiċċ fejn isir ix-xogħol, mikroskopju ottiku jew tal-isterjo u tagħmir krijoġeniku fejn inhu meħtieġ;

1.5. fil-każ ta' laboratorju li jinsab f'post fiss, dan għandu jkollu:

(a) kamra fejn l-embrijuni jkunu jistgħu jiġu proċessati li hi fiżikament separata miż-żona użata għall-ġestjoni tal-annimali donaturi waqt il-ġbir,

(b) kamra jew żona għat-tindif u l-isterilizzazzjoni tal-istrumenti, minbarra meta jintuża biss tagħmir li jintuża darba,

(ċ) kamra għall-ħażna tal-embrijuni;

1.6. fil-każ ta' laboratorju mobbli, dan għandu:

(a) jkollu parti mgħammra b'mod speċjali li tikkonsisti f

VERŻJONI ELETTRONIKA

’żewġ taqsimiet separati:

(i) waħda għall-eżaminazzjoni u l-ipproċessar ta’ embrijuni li għandu jkollha sezzjoni nadifa, u

(ii) l-oħra għal tagħmir u materjali tal-akkomodazzjoni użati f’kuntatt mal-annimali donaturi;

(b) juża biss tagħmir li jintuża darba, sakemm l-isterilizzazzjoni tat-tagħmir tiegħu l-provvista tal-fluwidi u prodotti oħra meħtieġa għall-ġbir u l-ipproċessar tal-embrijuni tkun tista’ tiġi żgurata bil-kuntatt ma’ laboratorju li jkun jinsab f’post permanenti;

1.7. id-disinn u l-istruttura tal-bini u l-laboratorji għandhom jiġu ddisinjati u l-operazzjonijiet tal-grupp għandhom jitwettqu b’mod li jiżguraw l-evitar tal-krosskontaminazzjoni tal-embrijuni;

1.8. il-grupp għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu post tal-ħażna li għandu:

(a) ikun fih mill-inqas kamra waħda li tissakkar għall-ħażna tal-*ova* u l-embrijuni;

(b) ikun jista’ faċilment jitnaddaf u jiġi diżinfettat;

(ċ) ikollu rekords permanenti tal-*ova* jew embrijuni kollha deħlin u ħerġin;

(d) ikollhom kontenituri tal-ħażna għal *ova* u embrijuni li huma maħżuna f’post li hu taħt il-kontroll tal-veterinarju tal-grupp u li hu soġġett għal spezzjonijiet regolari minn veterinarju uffiċjali;

1.9. l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-ħażna ta’ *semen* f’postijiet tal-ħażna msemmija fil-punt 1.8 sakemm is-*semen*:

(a) jissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/KEE jew għal speċi ovini u kaprini jew speċi ekwini, jew tad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta’ Ġunju 1990 li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta’ *semen* ta’ bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali għal speċi porċini,

(b) jinħażen għall-operazzjoni tal-grupp f’kontenituri tal-ħażna separati fil-post għall-ħażna tal-embrijuni approvati;

2. sabiex jingħata l-approvazzjoni, kull grupp tal-produzzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-embrijuni għandu jikkonforma wkoll mal-ħtiġiet addizzjonali li ġejjin:

2.1. il-membri tal-grupp ikunu rċevew taħriġ xieraq dwar kontroll tal-mard u tekniċi tal-laboratorji, b'mod partikolari fi proċeduri għall-ħidma f'kundizzjonijiet sterili;

2.2. il-grupp għandu jkun għad-dispożizzjoni tiegħu laboratorju li jkun jinsab f'post permanenti li għandu:

(a) ikollu tagħmir u faċilitajiet xierqa, inklużi kmamar separati għal:

- irkupru tal-ooċiti mill-ovarji,
- l-ipproċessar tal-ooċiti, *ova* u embrijuni,
- il-ħażna tal-embrijuni.

(b) ikollu tnixxija ta' laminar jew faċilitajiet oħra xierqa fejn jitwettqu l-operazzjonijiet tekniċi kollha assoċjati ma' kundizzjonijiet sterili speċifiċi (proċessar tal-*ova*, embrijuni u *semen*).

Madankollu, il-firda tas-*semen* tista' twettaq barra l-faċilità tat-tnixxija ta' laminar jew faċilità oħra, sakemm jittieħdu prekawzjonijiet iġjeniċi sħaħ;

2.3. meta l-*ova* u tessuti oħra għandhom jiġu miġbura f'biċċerija, għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu tagħmir xieraq għall-ġbir u t-trasport tal-ovarji u tessuti oħra lejn il-laboratorju tal-ipproċessar b'mod iġjeniku u sigur.

KAPITOLU II
Kundizzjonijiet applikabbli għal annimali donaturi

I. Kundizzjonijiet applikabbli għal żwiemel tar-razza donaturi

1. Sabiex jintuża għall-ġbir tas-*semen*, iż-żiemel tar-razza donatur għandu, b'mod li jissodisfa l-veterinarju taċ-ċentru, jissodisfa l-ħtiġiet li ġejjin:

1.1. m'għandu juri l-ebda sinjal kliniku ta' marda infettuża jew kontaġġjuża fiż-żmien tad-dħul u fil-jum li jinġabar is-*semen*;

1.2. għandu jiġi mit-territorju jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni, mill-parti tat-territorju ta' Stat Membru jew pajjiż

VERŻJONI ELETTRONIKA

terz u minn stabbiliment taħt superviżjoni veterinarju li t-tnejn jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva 90/426/KEE;

1.3. għandu jinżamm għal 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-*semen* f'oqsma fejn l-ebda annimal tal-ispeċi ekwina ma jkun wera l-ebda sinjal ta' artrite virali ekwina jew metrotis kontaġġjuża taż-żwiemel matul dan il-perjodu;

1.4. m'għandux jintuża għal tgħammir naturali matul it-30 jum qabel l-ewwel ġabra tas-*semen* u matul il-perjodu tal-ġbir;

1.5. għandhom isirulu t-testijiet li ġejjin, li jitwettqu u jiġu ċċertifikati f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti u li għandu t-testijiet imsemmijin hawn isfel fost l-akkreditazzjonijiet tiegħu, bi qbil mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), skont il-programm fil-punt 1.6:

(a) test tal-immuno-diffużjoni agar-gel (it-test Coggins) jew ELISA għall-anemija infettiva taż-żwiemel b'riżultat negattiv;

(b) test għall-iżolament tal-virus tal-arterite ekwina jew għas-sejbien tal-ġenoma tiegħu permezz tar-reazzjoni katina tal-polimeraži (PCR) jew PCR fil-ħin reali li jkollu riżultat negattiv imwettaq fuq alikwota tas-*semen* kollu taż-żiemel tal-għalla donatur, sakemm iż-żiemel donatur ma jkunx irreaġixxa b'riżultat negattiv għal test ta' newtralizzazzjoni tas-*serum* għall-arterite virali ekwina b'diluzzjoni tas-*serum* ta' wieħed f'kull erbgħa;

(ċ) test, li f'ebda każ ma għandu jsir qabel sebat ijiem (għat-trattament sistemiku) jew 21 jum (għat-trattament lokali) wara trattament possibbli antimikrobjali taż-żiemel tal-għalla, ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-metrite ekwina li tittieħed, imwettaq fuq tliet eżemplari (tampuni) meħuda f'darbtejn b'intervall ta' mhux inqas minn sebat ijiem, miż-żiemel tal-għalla donatur, li jkun ta riżultat negattiv f'kull każ, mill-inqas mill-partijiet tal-ġisem li jidhru hawn taħt:

- l-għant tal-pene (il-prepuzju);
- l-uretra;
- il-fossa glandis.

L-eżemplari għandhom jitqiegħdu f'midjum ta' trasportazzjoni bil-karbonju attivat, bħalma hu l-midjum

VERŻJONI ELETTRONIKA

Amies, qabel ma jintbagħat lil-laboratorju.

Irid isir mill-inqas wieħed minn dawn it-testijiet li ġejjin fuq l-eżemplari:

(i) kultura ta' mill-inqas sebat ijiem f'kundizzjonijiet mikroerofiliċi għall-iżolament ta' Taylorella equigenitalis, li trid tinbeda fl-ewwel 24 siegħa wara li jittieħdu l-eżemplari mill-annimal donatur, jew 48 siegħa meta l-eżemplari jinżammu fil-kesħa waqt it-trasport.

(ii) reazzjoni katina tal-polimeraży (PCR) jew PCR fil-ħin reali għas-sejbien tal-ġenoma ta' *Taylorella equigenitalis*, imwettqa qabel l-iskadenza ta' 48 siegħa wara li jittieħdu l-eżemplari mill-annimal donatur.

1.6. għandu jkun soġġett għal wieħed mill-programmi tal-ittestjar li ġejjin:

(a) jekk iż-żiemel tal-għalla donatur ikun kontinwament residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġabra tas-*semen* u matul il-perjodu tal-ġbir, u ma jkollu kuntatt dirett ma' ebda ekwin fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* li jkun fi stat ta' saħħa inferjuri miż-żiemel tal-għalla donatur, it-testijiet meħtieġa fil-punt 1.5 għandhom jitwettqu fuq eżemplari miġbura miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir, jew qabel l-ewwel ġabra tas-*semen* maħsub għall-kummerċ u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġabra tas-*semen*;

(b) jekk iż-żiemel tal-għalla donatur ikun residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġabra tas-*semen* u matul il-perjodu tal-ġbir, iżda jitlaq miċ-ċentru kultant taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum, u/jew jekk ekwini oħra fiċ-ċentru tal-ġbir jiġu f'kuntatt dirett ma' ekwini fi stat ta' saħħa inferjuri, it-testijiet meħtieġa fil-punt 1.5 għandhom jitwettqu kif ġej:

(i) għall-inqas darba fis-sena fuq eżemplari meħudin miż-żiemel tal-għalla donatur fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir, jew qabel l-ewwel ġabra tas-*semen* maħsub għall-kummerċ ta' *semen* frisk, imkessaħ jew iffriżat, u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġabra

VERŻJONI ELETTRONIKA

tas-*semen*; kif ukoll

(ii) waqt il-perjodu tal-ġbir tas-*semen* maħsub għall-kummerċ ta' *semen* frisk, imkessaħ jew iffriżat kif ġej:

- it-test meħtieġ fil-punt 1.5(a) fuq eżemplari li jkunu ttieħdu mhux aktar minn 90 jum qabel il-ġbir tas-*semen* għall-kummerċ;

- it-test meħtieġ fil-punt 1.5(b) fuq eżemplari li jkunu ttieħdu mhux aktar minn 30 jum qabel il-ġbir tas-*semen* għall-kummerċ, dejjem jekk l-istat non-shedder taż-żiemel tal-għalla ma jiġix ikkonfermat minn test tal-iżolament tal-virus, minn test PCR jew minn test PCR fil-ħin reali, imwettaq fuq eżemplari ta' alikwota tas-*semen* sħiħ li jkunu ttieħdu mhux aktar minn sitt xhur qabel il-ġbir tas-*semen* għall-kummerċ, u ż-żiemel tal-għalla donatur ikun irreaġixxa b'riżultat pożittiv għal test tan-newtralizzazzjoni tas-*serum* għall-arterite virali ekwina b'dilwazzjoni tas-*serum* ta' mill-inqas 1 f'kull 4;

- it-test meħtieġ fil-punt 1.5(ċ) fuq eżemplari li jkunu ttieħdu mhux aktar minn 60 jum qabel il-ġbir tas-semen għall-kummerċ, li, fil-każ ta' PCR jew PCR fil-ħin reali jista' jitwettaq fuq tliet eżemplari (tampuni) meħudin fl-istess ħin.

(ċ) jekk iż-żiemel tal-għalla donatur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet fil-punti (a) u (b) u/jew is-*semen* jinġabar għall-kummerċ ta' *semen* iffriżat, it-testijiet meħtieġa fil-punt 1.5 għandhom jitwettqu fuq eżemplari miġbura miż-żiemel tal-għalla donatur kif ġej:

(i) mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir;

(ii) matul il-perjodu tal-ħażna previst fil-punt 1.3(b) tat-Taqsima I tal-Kapitolu III u qabel ma jitneħħa miċ-ċentru jew jintuża s-*semen*, fuq eżemplari meħuda mhux qabel 14-il jum, u mhux aktar tard minn 90 jum wara d-data tal-ġbir tas-*semen*.

B'deroga mill-punt (ii) tal-ewwel subparagrafu, mhuwiex meħtieġ it-teħid ta' eżemplari u l-ittestjar għall-arterite virali

VERŻJONI ELETTRONIKA

ekwina kif deskritt fil-punt 1.5(b), wara l-ġbir, jekk l-istat ta' non-shedder ta' żiemel tal-għalla donatur seropożittiv jiġi kkonfermat b'test tal-iżolament tal-virus, b'PCR jew b'PCR fil-ħin reali li jagħtu riżultat negattiv fuq eżemplari ta' alikwota tas-*semen* sħiħ taż-żiemel donatur li jittieħdu darbtejn f'sena b'intervall ta' mill-inqas erba' xhur u ż-żiemel donatur ikun irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-*serum* għall-arterite virali ekwina, b'dilwazzjoni tas-*serum* ta' mill-inqas 1 minn kull 4.

1.7. Jekk kwalunkwe mit-testijiet provduti fil-punt 1.5 ikunu pożittivi, iż-żiemel tar-razza donatur għandu jkun iżolat, u s-*semen* miġbur minnu mid-data tal-aħħar test negattiv m'għandux ikun soġġett għall-kummerċ bl-eċċezzjoni, għal artrite virali ekwina, ta' *semen* minn kull eġakulazzjoni li tkun għaddiet minn test tal-iżolament tal-vajrus tal-artrite ekwina b'riżultat negattiv.

Is-*semen* miġbur miż-żwiemel tar-razza l-oħra kollha fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* mid-data meta nġabar l-aħħar kampjun li ta riżultat negattiv f'wieħed mit-testijiet provduti fil-punt 1.5 għandu jinżamm f'ħażna separata u m'għandux ikun soġġett għall-kummerċ sakemm l-istat tas-saħħa taċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* ikun ġie ristawrat u s-*semen* maħżun ikun għadda mill-investigazzjonijiet uffiċjali adattati li jeskludu l-preżenza tal-patoġeni li jikkawżaw il-mard imsemmi fil-punt 1.5.

1.8. Is-*semen* miġbur minn żwiemel tar-razza f'ċentru tal-ġbir soġġett għal ordni ta' projbizzjoni skont l-Artikolu 4 jew 5 tad-Direttiva 90/426/KEE għandu jinżamm f'ħażna separata u m'għandux ikun soġġett għall-kummerċ sakemm l-istat tas-saħħa taċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* ikun ġie restawrat mill-veterinarju uffiċjali skont id-Direttiva 90/426/KEE u s-*semen* maħżun ikun għadda mill-investigazzjonijiet uffiċjali xierqa li jeskludu l-preżenza fis-*semen* ta' patoġeni li jikkawżaw il-mard imniżżel fl-Anness A mad-Direttiva 90/426/ KEE.

II. Kundizzjonijiet applikabbli għal annimali ovini u kaprini maskili donaturi

1. Għall-annimali ovini u kaprini kollha mdaħħla f'ċentru tal-ġbir tas-*semen*, għandhom japplikaw il-ħtiġiet li ġejjin:

1.1. Ikunu nżammu kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 28 jum f'akkomodazzjoni approvata speċifikament mill-awtorità kompetenti, u fejn ikun hemm preżenti biss annimali li għandhom mill-inqas l-istess stat ta' saħħa ("akkomodazzjoni ta' kwarantina").

VERŻJONI ELETTRONIKA

1.2. Qabel jinżammu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina, kienu fi stabbiliment tal-ovini jew kaprini uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 91/68/KEE u m'għandhomx ikunu ġew miżmuma qabel fi stabbiliment ta' stat ta' saħħa inferjuri fir-rigward tal-bruċelloži.

1.3. Jiġu minn qasam meta waqt is-60 jum qabel iż-żamma tagħhom fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina jkunu għaddew minn test seroloġiku għal epidimite kontaġġjuża (*B. ovis*) imwettaq skont l-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE jew kwalunke test ieħor b'sensittività u speċifiċità ekwivalenti dokumentati.

1.4. Ikunu għaddew mit-testijiet li ġejjin imwettqa fuq kampjun tad-demm miġbur fit-28 jum ta' qabel il-bidu tal-perjodu tal-kwarantina speċifikat fil-punt 1.1, b'riżultati negattivi f'kull każ, minbarra għat-test għall-marda Border imsemmija fil-punt (ċ)(ii):

(a) għal bruċelloži (*B. melitensis*), test seroloġiku mwettaq skont l-Anness Ċ mad-Direttiva 91/68/KEE;

(b) għal epidimite kontaġġjuża (*B. ovis*), test seroloġiku mwettaq skont l-Anness D mad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità ekwivalenti dokumentati;

(ċ) għal marda *Border*:

(i) test tal-iżolament tal-vajrus jew test għal antiġen tal-vajrus, u

(ii) test seroloġiku li jiddetermina l-preżenza jew in-nuqqas tal-antikorpi ("test tal-antikorpi").

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza li t-testijiet imsemmija f'dan il-punt jitwettqu fuq kampjuni miġbura fl-akkomodazzjoni tal-kwarantina. Jekk tingħata din l-awtorizzazzjoni, il-perjodu ta' kwarantina msemmi fil-punt 1.1 m'għandux jibda d-data tat-teħid tal-kampjuni. Madankollu, jekk kwalunkwe wieħed mit-testijiet imsemmija f'dan il-punt ikun pożittiv, l-annimal ikkonċernat għandu minnufih jitneħħa mill-akkomodazzjoni tal-kwarantina. F'każ tal-iżolament tal-grupp, il-perjodu ta' kwarantina msemmi fil-punt 1.1 m'għandux jibda għall-annimali li jkun għad fadal sakemm jitneħħa l-annimal li jkun ġie ttestjat pożittiv.

1.5. Ikunu għaddew mit-testijiet li ġejjin imwettqa fuq kampjuni meħuda matul il-perjodu ta' kwarantina speċifikat fil-punt

VERŻJONI ELETTRONIKA

1.1, u mill-inqas 21 jum wara li jkunu ddaħħlu fl-akkomodazzjoni tal-kwarantina, b'riżultati negattivi:

(a) għal bruċelloża (*B. melitensis*), test seroloġiku mwettaq skont l-Anness Ċ mad-Direttiva 91/68/KEE;

(b) għal epidimite kontaġġjuża (*B. ovis*), test seroloġiku mwettaq skont l-Anness D mad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità ekwivalenti dokumentati.

1.6. Ikunu għaddew mit-testijiet għal mard Border imsemmija fil-punt 1.4(ċ)(i) u (ii) imwettaq fuq il-kampjuni tad-demm meħuda matul il-perjodu tal-kwarantina speċifikat fil-punt 1.1, u mill-inqas 21 jum wara li jkunu ddaħħlu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina.

Kull annimal (seronegattiv jew seropożittiv) għandu jitħalla biss jidħol fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* jekk ma sseħħ l-ebda sero-konverżjoni f'annimali li jkunu ttestjaw seronegattivi qabel il-jum tad-dħul fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina.

Jekk isseħħ is-sero-konverżjoni, l-annimali kollha li jibqgħu seronegattivi għandhom jinżammu fi kwarantina fuq perjodu ta' żmien imtawwal, sakemm ma jkunx hemm iżjed serokonverżjoni fil-grupp għal perjodu ta' tliet ġimgħat mill-jum li fih tkun seħħet is-serokonverżjoni.

Annimali seroloġikament pożittivi għandhom jitħallew jidħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* soġġetti għal riżultat negattiv f'test imsemmi fil-punt 1.4(ċ)(i).

2. L-annimali għandhom jiddaħħlu biss fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* bil-permess espliċitu tal-veterinarju taċ-ċentru. Il-movimenti kollha ġewwa u barra ċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* għandhom jiġu rrekordjati.

3. L-ebda annimal imdaħħal fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* ma għandu juri xi sinjal kliniku ta' mard fid-data tad-dħul.

L-annimali kollha, bla ħsara għall-punt 4, għandhom ikunu ġew minn akkomodazzjoni ta' kwarantina, li fid-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn iċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* tkun tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun jinsab f'żona li fiha ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-aħħar 30 jum f'radju ta' 10 kilometri;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) ikun għall-aħħar tliet xhur ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-bruċelloża;

(ċ) ikun għall-aħħar 30 jum ħieles minn mard notifikabbli b'mod obbligatorju kif definit fl-Artikolu 2(b)(6) tad-Direttiva 91/68/KEE.

4. Sakemm, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3 ikunu ġew osservati u jkunu twettqu t-testijiet ta' rutina msemmija fil-punt 5 matul it-12-il xahar qabel iċ-ċaqliq tal-annimali, l-annimali jistgħu jiġu mċaqalqa minn ċentru approvat tal-ġbir tas-*semen* għal ieħor ta' stat ta' saħħa ekwivalenti, mingħajr iżolament jew ittestjar jekk it-trasferiment ikun dirett. L-annimal in kwistjoni m'għandux jiġi f'kuntatt dirett jew indirett ma' annimali bid-difer mifruq ta' stat ta' saħħa inferjuri u l-mezz tat-trasport użat għandu jiġi diżinfettat qabel l-użu. Jekk l-annimali jiġi mċaqlaq minn ċentru tal-ġbir tas-*semen* għal ċentru tal-ġbir tas-*semen* fi Stat Membru ieħor, dak iċ-ċaqliq għandu jitwettaq skont id-Direttiva 91/68/KEE.

5. L-annimali ovini u kaprini kollha miżmuma f'ċentru approvat tal-ġbir tas-*semen* għandhom jiġu soġġetti mill-inqas darba kull sena kalendarja għat-testijiet li ġejjin, b'riżultati negattivi:

(a) għal bruċelloża (*B. melitensis*), test seroloġiku mwettaq skont l-Anness Ċ mad-Direttiva 91/68/KEE;

(b) għal epidimite kontaġġjuża (*B. ovis*) test seroloġiku mwettaq skont l-Anness D mad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifitià ekwivalenti dokumentata

(ċ) għal marda ta' Border, it-test tal-antikorpi msemmi fil-punt 1.4(ċ)(ii) li hu applikat biss għal annimali seronegattivi.

6. It-testijiet kollha msemmija f'din it-Taqsima għandhom jitwettqu minn laboratorju approvat.

7. Jekk kwalunkwe mit-testijiet deskritti fil-punt 5 ikun pożittiv, l-annimal għandu jkun iżolat u s-*semen* miġbur minnu mid-data tal-aħħar test negattiv m'għandux ikun soġġett għall-kummerċ.

L-annimal imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jitneħħa miċ-ċentru, minbarra fil-każ tal-marda Border, f'liema każ l-annimal għandu jkun soġġett għal riżultat negattiv għal test imsemmi fil-punt 1.4(ċ)(i).

Is-*semen* miġbur mill-annimali l-oħra kollha fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* mid-data ta' meta jkun inġabar l-aħħar kampjun li ta

VERŻJONI ELETTRONIKA

riżultat negattiv f'wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt 5 għandu jinżamm f'ħażna separata u m'għandux ikun soġġett għall-kummerċ sakemm l-istat tas-saħħa taċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* ma jkunx għadda mill-investigazzjonijiet uffiċjali adattati li jeskludu l-preżenza fis-*semen* ta' patoġeni li jikkawżaw il-mard imsemmi fil-punt 5.

8. Is-*semen* għandu jinkiseb minn annimali li:

(a) ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard fid-data ta' meta jkun inġabar is-*semen*;

(b) matul it-12-il xahar qabel id-data tal-ġbir tas-*semen*:

(i) jew ma jkunux ġew imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer; jew

(ii) ikunu ġew imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir, f'liema każ 5% (b'minimu ta' ħames *straws*) minn kull ġabra tas-*semen* għandhom jiġu sottomessi għal test tal-iżolament tal-vajrus għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer b'riżultati negattivi;

(ċ) ikunu nżammu f'ċentru approvat għall-ġbir tas-*semen* għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-*semen*, fil-każ tal-ġbir ta' *semen* frisk;

(d) jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Direttiva 91/68/KEE;

(e) jekk jinżammu f'oqsma imsemmija fl-ewwel intestatura tal-Artikolu 11(2), ikunu għaddew b'riżultati negattivi matul l-ewwel 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-*semen* minn:

(i) test serologiku għal bruċelloża (*B. melitensis*) test seroloġiku imwettaq skont l-Anness Ċ mad-Direttiva 91/68/KEE,

(ii) test serologiku għal epidimite kontaġġjuża (*B. ovis*) imwettaq skont l-Anness D mad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunke test ieħor b'sensittività u speċifiċità ekwivalenti dokumentata,

(iii) test għall-vajrus tal-marda *Border*.

(f) ma jkunux intużaw għal tgħammir naturali mill-inqas matul 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġabra tas-*semen* u

VERŻJONI ELETTRONIKA

bejn id-data tal-ewwel kampjun imsemmi fil-punti 1.5 u 1.6 jew fil-punt (e) u sa tmiem il-perjodu tal-ġbir.

9. Is-*semen* miġbur minn annimali maskili ovini u kaprini donaturi f'ċentru tal-ġbir tas-*semen* jew stabbiliment imsemmi fl-ewwel intestatura tal-Artikolu 11(2) soġġett għal projbizzjoni fuq ir-raġunijiet tas-saħħa tal-annimali skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/68/KEE għandu jinżamm f'ħażna separata u m'għandux ikun soġġett għal kummerċ sakemm l-istat tas-saħħa taċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* jew l-istabbiliment ma jkunx ġie restawrat mill-veterinarju uffiċjali skont id-Direttiva 91/68/KEE u s-*semen* maħżun ma jkunx għadda mill-investigazzjonijiet uffiċjali xierqa sabiex jeskludu l-preżenza fis-*semen* ta' patoeġni li jikkawżaw il-mard imniżżel fl-Anness B(I) mad-Direttiva 91/68/KEE.

KAPITOLU III
Ħtiġiet applikabbli għal *semen*, *ova* u embrijuni

I. Kundizzjonijiet għall-ġbir, l-ipproċessar, il-preżervazzjoni, il-ħażna u t-trasport ta' *semen*

1.1. Fejn, bla ħsara għad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), l-antibijotiċi jew taħlita ta' antibijotiċi jiġu miżjuda ma' attività batterċidjali li tkun mill-inqas ekwivalenti għal dik ta' taħlitiet li ġejjin f'kull ml tas-*semen*: ġentamiċina (250 µg), tilosina (50 µg), linkomiċin-spektinomiċina (150/300 µg); peniċillina (500 IU), streptomiċina (500 µg), linkomiċin-spektinomiċina (150/300µg); jew amikaċina (75 µg), divekaċina (25 µg), l-ismijiet tal-antibijotiċi miżjuda u l-konċentrazzjoni tagħhom għandhom jiġu ddikjarati fiċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fir-raba' punt tal-Artikolu 11(2).

1.2. L-istrumenti kollha użati għall-ġbir, l-ipproċessar, il-preservazzjoni jew l-iffriżar ta' *semen* għandhom jew jiġu diżinfettati jew sterilizzati qabel l-użu, minbarra għal strumenti li jintużaw darba.

1.3. Is-*semen* iffriżat għandu:

(a) jitqiegħed u jinħażen f'kontenituri tal-ħażna:

(i) li jkunu ġew imnaddfa u diżinfettati jew sterilizzati qabel l-użu, jew li huma kontenituri li jintużaw darba,

(ii) b'aġent krijoġeniku, li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħra li ġejjin mill-annimali;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) qabel id-dispaċċ jew l-użu, jinħażen f'kundizzjonijiet approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir.

1.4. Is-*semen* li għandu jkun soġġett għall-kummerċ għandu:

(a) jiġi trasportat lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni f'kontenituri tat-trasport li jkunu ġew imnaddfa u diżinfettati jew sterilizzati qabel l-użu, jew li huma kontenituri li jintużaw darba, u li jkunu ġew issiġillati u mogħtija numru qabel il-bgħit miċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* jew ċentri tal-ħażna;

(b) jiġi mmarkat b'mod li n-numru fuq l-is*traws* jew imballaġġ ieħor ikun l-istess bħan-numru fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fir-raba' punt tal-Artikolu 11(2) u bil-kontenitur li fih jinħażen u jiġi trasportat.

II. Kundizzjonijiet għal *ova* u embrijuni

1. Il-ġbir u l-ipproċessar ta' embrijuni derivati *in vivo*

L-embrijuni derivati *in vivo* għandhom jiġu konċeputi b'riżultat ta' inseminazzjoni artifiċjali bis-*semen* li jissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/KEE u għandhom jinġabru, jiġu proċessati u preżervati skont dan li ġej:

1.1. L-embrijuni għandhom jinġabru u jiġu proċessati minn grupp approvat għall-ġbir tal-embrijuni, mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' kwalunkwe grupp ieħor ta' embrijuni li ma jikkonformawx mal-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/KEE.

1.2. L-embrijuni għandhom jinġabru f'post, li hu separat minn partijiet oħra tal-post jew qasam fejn l-embrijun jinġabar u li għandu jkun fi stat ta' tiswija tajjeb u mibni b'materjali li jippermettu t-tindif u d-diżinfettar effettiv u faċli tiegħu.

1.3. L-embrijuni għandhom jiġu proċessati (eżaminati, maħsula, trattati u mqiegħda fi *straws*, kapsuli jew imballaġġ ieħor identifikati u sterili) jew f'laboratorju li jinsab f'post permanenti jew laboratorju mobbli, li, fir-rigward ta' speċi suxxettibbli, ikun jinsab f'żona li fiha ma kienx hemm tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-aħħar 30 jum f'radju ta' 10 kilometri.

1.4. It-tagħmir kollu użat għall-ġbir, il-ġestjoni, il-ħasil, l-iffriżar u l-ħażna ta' embrijuni għandu jkun jew sterilizzat jew imnaddaf u diżinfettat kif xieraq qabel l-użu skont il-Manwal IETS (1), jew ikun tagħmir li jintuża darba biss.

VERŻJONI ELETTRONIKA

1.5. Kull prodott bijoloġiku li ġej mill-annimali użat fil-mezzi u s-soluzzjonijiet għall-ġbir, l-ipproċessar, il-ħasil jew il-ħażna tal-embrijuni għandu jkun ħieles minn mikroorganiżmi patoġeniċi. Il-mezzi u s-soluzzjonijiet użati fil-ġbir, l-iffriżar u l-ħażna tal-embrijuni għandhom ikunu sterilizzati permezz ta' metodi approvati skont il-Manwal IETS u kkontrollati b'mod li jiżgura li tinżamm l-isterilità. Jistgħu jiġu miżjuda l-antibijotiċi, meta xieraq, għal mezzi ta' ġbir, proċessar, ħasil u ħażna skont il-Manwal IETS.

1.6. L-aġenti krijoġeniċi użati għall-preżervazzjoni jew il-ħażna tal-embrijuni m'għandhomx ikunu ġew użati qabel għal prodotti oħra li ġejjin mill-annimali.

1.7. Kull stro, kapsula jew imballaġġ ieħor tal-embrijuni għandu jkun identifikat b'mod ċar b'tikketti skont is-sistema standardizzata skont il-Manwal IETS.

1.8. L-embrijuni jridu jinħaslu u jkollhom *zona pellucida* intatta jew, fil-każ tal-embrijuni ekwini, il-kapsula embrijonika, kemm qabel il-ħasil kif ukoll eżatt wara. Bi qbil mal-Manwal tal-IETS, il-proċedura standard tal-ħasil għandha tinbidel biex tinkludi aktar ħasliet bl-enżima tripsina meta jkun rakkomandat, biex jiġu inattivati jew jitneħħew ċerti patoġeni.

1.9. L-embrijuni minn annimali donaturi differenti m'għandhomx jinħaslu flimkien.

1.10. Iż-*zona pellucida* ta' kull embrijun, jew il-kapsula embrijonika, fil-każ ta' embrijuni ekwini, għandha tiġi eżaminata fuq l-erja tal-wiċċ kollu tagħha bi tkabbir ta' mhux inqas minn 50× u tiġi ċċertifikata li hi intatta u ħielsa minn materjal li jeħel.

1.11. L-embrijuni minn grupp li jkun għadda b'suċċess l-eżaminazzjoni stabbilita fil-punt 1.10 għandhom jitqiegħdu fi stro, kapsula jew imballaġġ ieħor sterili mmarkat skont il-punt 1.7 li għandu jiġi ssiġillat minnufih.

1.12. Kull embrijun għandu, fejn xieraq, ikun iffriżat mill-aktar fis possibbli u jiġi maħżun f'post li hu taħt il-kontroll tal-veterinarju tal-grupp.

1.13. Kull grupp tal-ġbir tal-embrijuni għandu jissottometti għall-eżaminazzjoni uffiċjali għal kontaminazzjoni batterjali u virali kampjuni ta' rutina ta' embrijuni jew *ova* mhux vijabbli, fluwidi tal-ifflaxxjar jew fluwidi tal-ħasil li jirriżultaw mill-attivitajiet tiegħu skont il-Manwal IETS.

VERŻJONI ELETTRONIKA

1.14. Kull grupp tal-ġbir tal-embrijuni għandu jżomm rekord tal-attivitajiet tiegħu fir-rigward tal-ġbir tal-embrijuni għal perjodu ta' sentejn wara li l-embrijuni jkunu s-soġġett ta' kummerċ jew importazzjoni, inkluż:

(a) ir-razza, l-età u identifikazzjoni individwali tal-annimali donaturi kkonċernati,

(b) il-post tal-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' embrijuni miġbura mill-grupp,

(ċ) l-identifikazzjoni tal-embrijuni flimkien mad-dettalji tad-destinatarju tal-vjaġġ marittimu.

2. Il-ġbir u l-ipproċessar ta' *ova*, ovarji u tessuti oħra, bl-għan tal-produzzjoni ta' embrijuni derivati *in vitro*

Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1.1 sa 1.14 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-ġbir u l-ipproċessar ta' *ova*, ovarji u tessuti oħra għall-użu fil-fertilizzazzjoni *in vitro* u/jew koltura *in vitro*. Barra minn hekk, għandu japplika dan li ġej:

2.1. L-awtorità kompetenti għandu jkollha għarfien ta', u awtorità fuq, il-qasam jew oqsma tal-oriġini tal-annimali donaturi.

2.2. Meta jinġabru l-ovarji u tessuti oħra f'biċċerija, jew minn annimali individwali jew minn gruppi ta' donaturi ("ġabra ta' grupp"), il-biċċerija għandha tkun uffiċjalment approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (1) u taħt is-superviżjoni ta' veterinarju li r-responsabbiltà tiegħu tkun li jiżgura li jitwettqu l-ispezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem* ta' annimali donaturi potenzjali u li jiċċertifikawhom li huma ħielsa minn sinjali tal-mard kontaġġjuż rilevanti trasmissibbli lill-annimali. Il-biċċerija għandha, fir-rigward tal-ispeċi suxxettibbli, tkun tinsab f'żona li fiha ma kienx hemm tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-aħħar 30 jum f'radju ta' 10 kilometri.

2.3. Il-gruppi tal-ovarji m'għandhomx jinġiebu fil-laboratorju tal-ipproċessar qabel ma tkun tlestiet l-ispezzjoni *post-mortem* ta' annimali donaturi.

2.4. It-tagħmir għat-tneħħija u t-trasport ta' ovarji u tessuti oħra għandu jitnaddaf u jiġi diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu u użat esklussivament għal dawn l-għanijiet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

3. Proċessar ta' embrijuni derivati *in vitro*

Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1.1 sa 1.14 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-ipproċessar ta' embrijuni derivati *in vitro*. Barra minn hekk, għandu japplika dan li ġej:

3.1. L-embrijuni derivati *in vitro* għandhom jiġu konċeputi b'riżultat tal-fertilizzazzjoni *in vitro* b'*semen* li jissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/KEE.

3.2. Wara li jitlesta l-perjodu tal-koltura *in vitro* iżda qabel l-iffriżar, il-ħażna u t-trasport tal-embrijuni, għandhom jinħaslu u jgħaddu mit-trattamenti msemmija fil-punti 1.8, 1.10 u 1.11.

3.3. L-embrijuni minn annimali donaturi differenti, fil-każ ta' rkupru ta' annimal individwali, jew mill-ġabriet tal-grupp differenti ma għandhomx jinħaslu flimkien.

3.4. L-embrijuni minn annimali donaturi differenti, fil-każ ta' rkupru ta' annimali individwali, jew minn ġabriet ta' gruppi differenti ma għandhomx jinħażnu fl-istess stro, kapsula jew imballaġġ ieħor.

4. Proċessar ta' embrijuni mikromanipulati

Qabel kwalunkwe mikromanipulazzjoni li tinkludi l-integrità taż-*zona pellucida*, l-embrijuni jew l-*ova* kollha għandhom jinġabru u jiġu proċessati skont il-kundizzjonijiet sanitarji stabbiliti fil-punti 1, 2 u 3. Barra minn hekk, japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

4.1. Meta titwettaq il-mikromanipulazzjoni tal-embrijun li tinvolvi l-penetrazzjoni taż-*zona pellucida*, dan għandu jsir f'faċilitajiet tal-laboratorju adattati taħt is-superviżjoni ta' grupp approvat ta' veterinarji.

4.2. Kull grupp tal-ġbir tal-embrijuni għandu jżomm rekords tal-attivitajiet tiegħu skont il-punt 1.14, inklużi dettalji tat-tekniċi tal-mikromanipulazzjoni li jinvolvu l-penetrazzjoni taż-*zona pellucida* u li tkun twettqet fuq l-embrijuni. Fil-każ ta' embrijuni derivati minn fertilizzazzjoni *in vitro*, l-identifikazzjoni tal-embrijuni tista' ssir fuq il-bażi ta' grupp, iżda għandu jkun fiha dettalji dwar id-data u l-post tal-ġbir tal-ovarji u/jew l-*ova*. Għandu jkun possibbli wkoll li jiġi identifikat l-istabbiliment tal-oriġini tal-annimali donaturi.

5. Ħażna tal-embrijuni

5.1. Kull ġabra tal-embrijuni u gruppi tal-produzzjoni għandhom jiżguraw li l-embrijuni jinħażnu f'temperaturi adattati f'postijiet tal-ħażna msemmija fil-punt 1.8 tat-Taqsima III tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kapitolu I.

5.2. L-embrijuni ffriżati għandhom, qabel jintbagħtu, jinħażnu f'kundizzjonijiet approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir jew il-produzzjoni tagħhom.

6. Trasport tal-embrijuni

6.1. L-embrijuni li għandhom ikunu soġġetti għall-kummerċ għandhom jiġu trasportati lejn l-Istat Membru destinatarju f'kontenituri li jkunu tnaddfu u ġew diżinfettati jew sterilizzati qabel l-użu, jew kontenituri li jintużaw darba, u li jkunu ġew siġillati u mogħtija numru qabel ma jintbagħtu mill-postijiet tal-ħażna approvati.

6.2. L-is*traws*, il-kapsuli jew imballaġġ ieħor għandhom ikunu mmarkati b'mod li n-numru fuq l-is*traws*, kapsuli jew imballaġġ ieħor ikun l-istess bħan-numru fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fit-tielet intestatura tal-Artikolu 11(3) u bil-kontenitur li fih ikunu maħżuna u trasportati.

KAPITOLU IV
Ħtiġiet applikabbli għal donaturi femminili

1. Id-donaturi femminili għandhom jintużaw biss għall-ġbir tal-embrijuni jew l-*ova* jekk huma u l-istabbilimenti minn fejn joriġinaw ikunu jissodisfaw, b'mod li jissodisfa l-veterinarju uffiċjali, il-ħtiġiet tad-Direttivi rilevanti dwar il-kummerċ fl-Unjoni f'annimali ħajjin għat-trobbija u l-produzzjoni għall-ispeċi kkonċernati.

2. Flimkien mal-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE, id-donaturi femminili ta' speċi porċini għandhom, minbarra f'embrijuni derivati *in vivo* soġġetti għal trattament ta' tripsin, jikkonformaw mal-ħtiġiet għall-marda ta' *Aujeszky* stabbiliti skont l-Artikolu 9 jew 10 ta' dik id-Direttiva.

3. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/68/KEE għandhom japplikaw għal donaturi femminili ta' speċi ovini u kaprini.

4. Minbarra l-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 90/426/KEE, id-dwieb donaturi:

4.1. ma għandhomx jintużaw għal tgħammir naturali għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-*ova* jew tal-embrijuni, u bejn id-data tal-ewwel teħid ta' eżemplari msemmi fil-punti 4.2 u 4.3 u d-data tal-ġbir tal-*ova* u l-embrijuni;

4.2. għandu jsir test fuqhom li jagħti riżultat negattiv, tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

immuno-diffużjoni agar-gel (it-test Coggins) jew test ELISA għall-anemija ekwina li tittieħed, fuq kampjun ta' demm li jittieħed mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' mill-inqas 30 jum imsemmi fil-punt 4.1 u mhux aktar minn 90 jum qabel il-ġbir tal-*ova* jew tal-embrijuni għall-kummerċ;

4.3. għandu jsir test fuqhom ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-metrite ekwina li tittieħed, li jkun ta riżultat negattiv f'kull każ, f'laboratorju msemmi fil-punt 1.5 tal-Kapitolu (II)(I) imwettaq fuq mill-inqas żewġ eżemplari (tampuni) meħudin mid-debba donatur f'ebda każ qabel sebat ijiem (għat-trattament sistemiku) jew 21 jum (għat-trattament lokali) wara trattament possibbli antimikrobjali tad-debba donatur, meħudin mill-inqas mill-partijiet tal-ġisem li jidhru hawn taħt:

- l-uċuħ mukożali tal-fossa klitorali;

- is-sinusijiet klitorali.

L-eżemplari għandhom jittieħdu fil-perjodu msemmi fil-punt

4.1 f'darbtejn, b'intervall ta' mhux inqas minn sebat ijiem fil-każ tat-test imsemmi fil-punt (i), jew f'darba fil-każ tat-test imsemmi fil-punt (ii).

L-eżemplari għandhom jitqiegħdu f'midjum ta' trasportazzjoni bil-karbonju attivat, bħalma hu l-midjum *Amies*, qabel ma jintbagħat lil-laboratorju.

Irid isir mill-inqas wieħed minn dawn it-testijiet li ġejjin fuq l-eżemplari:

(i) kultura ta' mill-inqas sebat ijiem f'kundizzjonijiet mikroerofiliċi għall-iżolament ta' *Taylorella equigenitalis*, li trid tinbeda fl-ewwel 24 siegħa wara li jittieħdu l-eżemplari mill-annimal donatur, jew 48 siegħa meta l-eżemplari jinżammu fil-kesħa waqt it-trasport; jew

(ii) reazzjoni katina tal-polimeraży (PCR) jew PCR fil-ħin reali għas-sejbien tal-ġenoma ta' *Taylorella equigenitalis*, imwettqa qabel l-iskadenza ta' 48 siegħa wara li jittieħdu l-eżemplari mill-annimal donatur.

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 1630

SKEDAE

It-Taqsima 1 – Ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ fl-annimali minn azjendi (ungulati, tjur vaċċinati kontra l-influwenza tat-tjur, lagomorfi, klieb, qtates u inmsa) 92/65 EI

L-UNJONI EWROPEA — **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6. Nru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati | Nru/i ta' dokumenti li jakkumpanjawhom

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi

I.12. Pajjiż ta' oriġini
Azjenda ☐
Isem | In-numru ta' reġistrazzjoni/approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Azjenda ☐ Stabbiliment ☐ Entità approvata ☐
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14. Post ta' tagħbija
Kodiċi Postali

I.15. Data u ħin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Bil-baħar ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi NM)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:
Trobbija ☐ Produzzjoni ☐ Riproduzzjoni artifiċjali ☐ Użu ☐ Pets ☐ Entità approvata ☐

I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz	☐	I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri	☐
Pajjiż terz	Kodiċi ISO	Stat Membru	Kodiċi ISO
Post ta' ħruġ	Kodiċi	Stat Membru	Kodiċi ISO
Post ta' dħul	Nru tal-BIP	Stat Membru	Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni	☐	I.29. Stima tal-ħin tal-vjaġġ
Pajjiż terz	Kodiċi ISO	
Post ta' ħruġ	Kodiċi	

I.30. Pjan tar-rotta
Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Numru tal-passaport	Sess	Età	Kwantità

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-UNJONI EWROPEA **92/65 EI** **Annimali minn azjendi (ungulati, tjur (2), lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, hawn taħt iffirmat, veterinarju uffiċjali (1)/veterinarju responsabbli mill-azjenda tal-oriġini u approvat mill-awtorità kompetenti (1) niċċertifika li:

II.1. l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.31 jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u fil-mument tal-ispezzjoni kienu b'saħħithom biżżejjed biex jiġu trasportati fuq il-vjaġġ intenzjonat, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005.

(1) *jew* [II.2. l-annimal(i) li jixtarr(u) (1)/Suidae (1) għajr dak/dawk kopert/i bid-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE (1) jew bid-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE (1)

(a) jappartjeni(jappartjenu) lill-ispeċi .....;

(b) fil-waqt tal-eżami, ma jurux(ma jurix) xi sinjal kliniku ta' xi mard li għalih huwa/huma suxxettibbli;

(c) ġej(ġejjin) minn merħla (1)/azjenda (1) li hija uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi (1)/uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (1) jew minn merħla/azjenda ħielsa mill-bruċellożi (1) li mhix suġġetta għar-restrizzjonijiet tal-marda tal-ħnieżer jew minn azjenda fejn kien(u) suġġett(i) b'riżultati negattivi għat-test(jiet) stipulati fl-Artikolu 6(2)(b) (1)/it-test stipulat fl-Artikolu 6(3)(d) (1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.]

(1) (2) *jew* [II.2. it-tjur għajr dawk imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE

(a) fil-waqt tal-eżami ma jurux xi sinjal kliniku ta' xi mard li għalih huma suxxettibbli;

(b) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE;

(c) jikkonformaw mad-Deċiżjoni 2007/598/KE u ġew vaċċinati kontra l-influwenza tat-tjur nhar ..... (*data*) bil-vaċċin ..... (*isem*) u ġejjin minn azjenda li fiha twettqet il-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza tat-tjur matul l-aħħar 12-il xahar.]

(1) *jew* [II.2. il-lagomorfi

(a) fil-waqt tal-eżami ma jurux xi sinjal kliniku ta' xi mard li għalih huma suxxettibbli;

(b) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.]

(1) *jew* [II.2. il-klieb

(a) fil-waqt tal-eżami minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ, ma wrew l-ebda sinjali ta' mard;

(b) huma mmarkati skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(1) *jew* [(c) kellhom tal-inqas 12-il ġimgħa meta ġew vaċċinati kontra l-idrofobija u jkunu għaddew tal-inqas 21 jum wara li tkun tlestiet il-vaċċinazzjoni primarja kontra l-idrofobija mwettqa skont ir-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kull rivaċċinazzjoni sussegwenti tkun saret fi żmien il-perjodu ta' validità tal-vaċċinazzjoni preċedenti];

(1) *jew* [(c) għandhom anqas minn 12-il ġimgħa u ma ġewx vaċċinati kontra l-idrofobija, jew għandhom bejn 12 u 16-il ġimgħa u ġew vaċċinati kontra l-idrofobija, iżda ma għaddewx mill-anqas 21 jum mit-tlestija tal-vaċċinazzjoni primarja kontra l-idrofobija mwettqa bi qbil mar-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u

(i) l-Istat Membru ta' destinazzjoni infurma l-pubbliku skont il-punt (b) tal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huwa jawtorizza l-moviment ta' dawn l-annimali fit-territorju tiegħu; u huma akkumpanjati minn

(1) *jew* [(ii) dikjarazzjoni tas-sid (3), meħmuża ma' dan iċ-ċertifikat, li tistqarr li mit-twelid sal-ħin tat-tluq l-annimali ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali salvaġġi ta' speċijiet suxxettibbli għall-idrofobija];

(1) *jew* [(ii) ommhom, li għadhom jiddependu fuqha, u mill-passaport ta' ommhom, jista' jiġi stabbilit li l-omm ġiet vaċċinati kontra l-idrofobija qabel twelidhom liema vaċċinazzjoni kienet konformi mar-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill];

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-UNJONI EWROPEA **92/65 EI Annimali minn azjendi (ungulati, tjur (2), lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(d) huma akkumpanjati minn passaport imħejji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013];

(1) *u* [(e) minħabba d-destinazzjoni skedata tagħhom indikata fil-Kaxxa I.10, jew fil-Kaxxa I.11 fejn jiġi applikat il-konfinament, ġew ittrattati kontra l-*Echinococcus multilocularis* skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011.]];

(1) *jew* [II.2. il-qtates (1)/inmsa (1)

(a) fil-waqt tal-eżami minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ, ma wrew l-ebda sinjali ta' mard;

(b) huma mmarkati skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(1) *jew* [(c) kellhom tal-inqas 12-il ġimgħa meta ġew vaċċinati kontra l-idrofobija u jkunu għaddew tal-inqas 21 jum wara li tkun tlestiet il-vaċċinazzjoni primarja kontra l-idrofobija mwettqa skont ir-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kull rivaċċinazzjoni sussegwenti tkun saret fi żmien il-perjodu ta' validità tal-vaċċinazzjoni preċedenti];

(1) *jew* [(c) għandhom anqas minn 12-il ġimgħa u ma ġewx vaċċinati kontra l-idrofobija, jew għandhom bejn 12 u 16-il ġimgħa u ġew vaċċinati kontra l-idrofobija, iżda ma għaddewx mill-anqas 21 jum mit-tlestija tal-vaċċinazzjoni primarja kontra l-idrofobja mwettqa bi qbil mar-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u

(i) l-Istat Membru ta' destinazzjoni infurma lill-pubbliku skont il-punt (b) tal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huwa jawtorizza l-moviment ta' dawn l-annimali fit-territorju tiegħu; kif ukoll u huma akkumpanjati minn

(1) *jew* [(ii) dikjarazzjoni tas-sid (3), mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat, li tistqarr li mit-twelid sal-ħin tat-tluq l-annimali ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali salvaġġi ta' speċijiet suxxettibbli għall-idrofobija];

(1) *jew* [(ii) ommhom, li għadhom jiddependu fuqha, u mill-passaport ta' ommhom, jista' jiġi stabbilit li l-omm ġiet vaċċinata kontra l-idrofobija qabel twelidhom liema vaċċinazzjoni kienet konformi mar-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill];

(d) huma akkumpanjati minn passaport imħejji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.]

(1) *jew* [II.2. il-klieb (1)/qtates (1)/inmsa (1) huma ddestinati għal korp, istitut jew ċentru kif deskrit fil-Kaxxa I.13 approvat skont l-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, u

(a) fil-waqt tal-eżami minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ, ma wrew l-ebda sinjali ta' mard;

(b) huma mmarkati skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(c) huma akkumpanjati minn passaport imħejji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.]

II.3. Il-garanziji addizzjonali fir-rigward tal-mard elenkat fl-Anness B(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE huma kif ġej: (1)

Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni

Noti

Parti I:

Kaxxa I.6. Nru/Nri ta' dokumenti ta' akkumpanjament: CITES, jekk applikabbli.

Kaxxa I.19. Uża l-kodiċi rilevanti NM: 01.06.19, 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39.

Kaxxa I.31. *Sistema ta' identifikazzjoni*: l-identifikazzjoni individwali għandha tiġi użata kulfejn hu possibbli iżda fil-każ ta' annimali żgħar, tista' tintuża l-identifikazzjoni tal-grupp. Fil-każ ta' klieb, qtates u inmsa, agħżel il-passaport.

Numru ta' identifikazzjoni: fil-każ ta' klieb, qtates u inmsa, indika l-kodiċi alfanumerika tat-tatwaġġ jew it-transponder.

Numru tal-passaport: fil-każ ta' klieb, qtates u inmsa, indika l-kodiċi alfanumerika tal-passaport.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-UNJONI EWROPEA **92/65 EI Annimali minn azjendi (ungulati, tjur (2), lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II:

(1) Massar fejn hemm bżonn.

(2) Ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni japplikaw biss għal tjur li jkunu ġew vaċċinati kontra l-influwenza tat-tjur skont pjan ta' vaċċinazzjoni preventiva approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/598/KE.

(3) Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt II.2 li trid tinthemeż maċ-ċertifikat għandha titfassal skont l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.

(4) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji addizzjonali taħt il-leġislazzjoni tal-Unjoni.

Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 jiem mid-data tal-firma tal-veterinarju uffiċjali jew tal-veterinarju responsabbli għall-ażjenda ta' oriġini u huwa approvat mill-awtorità kompetenti.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:


Unità veterinarja lokali: Nru tal-LVU:

Data: Firma:

Timbru:

VERŻJONI ELETTRONIKA

It-Taqsima 2 – Ċertifikat tas-Saħħa għall-kummerċ fin-naħal u n-naħal bagħli 92/65 EII



Komunità Ewropea — **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Detalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza | I.2.a. Numru lokali ta' riferenza

I.3. Awtorità Ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO | I.9.

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.11.

I.12. Pajjiż ta' origini/Pajjiż ta' ħsad
Fond ☐ Ohrajn ☐
Isem | Numru approvat
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Fond ☐ Ohrajn ☐
Isem | Numru approvat
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14. Post ta' tgħabbija
Kodiċi Postali

I.15. Data u ħin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Speċi ta' annimal/Prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi CN)
01.06.90

I.20. Numru/kwantità

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill

I.24.

I.25. Annimali ċertifikati/prodotti ċertifikati għal
Tgħammir ☐ Transhumance (caqliq ta' għanem) ☐

I.26. Tranżitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO
Post ta' ħruġ | Kodiċi
Post ta' dhul | Numru tal-BIP unit:

I.27. Tranżitu minn Pajjiżi Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO
Post ta' ħruġ | Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-annimali
Speċi (Isem xjentifiku) | Kwantità | Numru tal-baċċ

VERŻJONI ELETTRONIKA

PAJJIŻ **92/65 EII Naħal (*Apis mellifera*) u naħal bagħli (*Bombus* spp.)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, is-sottoskritt niċċertifika li:

II.1

jew ([2]) [(a) in-naħal /in-naħal bagħli ([2]) ġej minn żona li mhijiex soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni assoċjata mal-preżenza tal-American foulbrood. (Il-perjodu ta' projbizzjoni tkompla għall-inqas għal 30 jum wara l-aħħar każ irreġistrat u d-data li fiha l-qolol f'radju ta' tliet kilometri ġew ikkontrollati mill-awtorità kompetenti u kull qolla infettata maħruqa jew ittrattata u spezzjonata għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti msemmija),]

jew ([2]) [(a) in-naħal bagħli ġej minn struttura ambjentalment iżolata rikonoxxuta minn jew taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li huwa ħieles mill-American foulbrood u li kienu spezzjonati minnufih qabel it-tluq u li n-naħal bagħli kollu u l-ħażna għat-trobbija ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-marda,]

kif ukoll (b) in-naħal/in-naħal bagħli ([2]) ġej minn żona ta' raġġ ta' mill-inqas 100 km li mhi soġġetta għall-ebda restrizzjoni assoċjati mas-suspett jew mal-preżenza kkonfermata tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal (*Aethina tumida*) jew tat-Tropilaelaps mite (*Tropilaelaps* spp) u fejn dawn l-impestazzjonijiet mhumiex preżenti,

kif ukoll (c) in-naħal/in-naħal bagħli ([2]) kif ukoll l-imballaġġ tagħhom għadda minn eżami viżwali biex tinkixef il-preżenza tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal (*Aethina tumida*) jew il-bajd jew il-larva tagħha, jew impestazzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari t-Tropilaelaps mite (*Tropilaelaps* spp.), li taffetwa lin-naħal

II.2 il-garanziji addizzjonali fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B ([1]) tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej ([2]):

Marda Deċiżjoni

Marda Deċiżjoni

Marda Deċiżjoni

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.31: Speċi: daħħal l-*Apis mellifera* jew il-*Bombus* spp.

Kwantità: agħti n-numru ta' kolonji.

In-numru tal-lott: agħti n-numru ta' siġilli fejn applikabbli.

Parti II:

([1]) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji addizzjonali skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni.
([2]) Ingassa fejn ma japplikax.

— Il-kulur tal-bolla u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-partikularitajiet l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju approvat jew uffiċjali approvat


Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:

VERŻJONI ELETTRONIKA

It-Taqsima 3 - Ċertifikat tas-Saħħa għall-kummerċ tal-annimali, semen, embrijuni u ova minn entitajiet, istituti jew ċentri approvati 92/65 EIII



L-UNJONI EWROPEA

Ċertifikat għall-kummerċ fl-Unjoni

Parti I: Dettalji tal-kunsinna preżentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat

I.2.a. Nru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.6. Nru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati

Nru/i ta' dokumenti li jakkumpanjawhom

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini Kodiċi ISO

I.9. Reġjun ta' oriġini Kodiċi

I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO

I.11. Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi

I.12. Pajjiż ta' oriġini
Entità approvata ☐
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Numru tal-approvazzjoni

I.13. Post ta' destinazzjoni
Entità approvata ☐
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Numru tal-approvazzjoni

I.14. Post tat-tagħbija
Kodiċi postali

I.15. Id-data u l-ħin tat-tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Bl-ajru ☐ Bil-baħar ☐ B'vagun ferrovjarju ☐
B'vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Numru tal-approvazzjoni

I.18. Deskrizzjoni tal-komodità

I.19. Kodiċi tal-komodità (Kodiċi NM)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24.

I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal:
Entità approvata ☐

I.26. Tranżitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż Terz Kodiċi ISO
Punt ta' ħruġ Kodiċi
Punt ta' dħul Nru tal-BIP

I.27. Tranżitu mill-Istati Membri ☐
Stat Membru Kodiċi ISO
Stat Membru Kodiċi ISO
Stat Membru Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż Terz Kodiċi ISO
Punt ta' ħruġ Kodiċi

I.29. Stima tal-ħin tal-vjaġġ

I.30. Pjan tar-rotta
Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni tal-komoditajiet
Speċi (Isem xjentifiku) | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru tal-identifikazzjoni | Sess | Età | Kwantità

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-UNJONI EWROPEA **92/65 Eli Annimali minn entitajiet, istituti jew ċentri approvati**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**

II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat

II.b.

Jiena, is-sottoskritt veterinarju uffiċjali (1)/veterinarju responsabbli mill-istabbilliment tal-oriġini u approvat mill-awtorità kompetenti (1) niċċertifika li:

II.1. L-entità, istitut jew ċentru tal-oriġini huwa konformi mal-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE għall-għan ta' kummerċ ta' annimali, semen, embrijuni jew ova kif deskritt fil-Kaxxa I.18.

II.2. L-annimali (1)/annimali donaturi (1) deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġew eżaminati llum (1)/dakinhar tal-ġbir (1) u nstabu li huma f'saħħithom u hielsa minn sinjali kliniċi ta' mard infettiv inkluż dak imsemmi fl-Anness A tad-Direttiva 92/65/KEE u ma huma soġġetti għall-ebda restrizzjoni uffiċjali u baqgħu f'din l-entità, istitut jew ċentru jew mindu twieldu jew għall-perjodu ta' żmien li ġej ..... *(xhur jew snin)*.

II.3. Fil-ħin tal-ispezzjoni, l-annimali hawn fuq imsemmija kienu b'saħħithom biżżejjed biex jingarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u mal-ħtiġijiet tal-IATA u/jew linji gwida CITES għat-trasport, fejn applikabbli.

II.4. Il-garanziji addizzjonali fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE huma kif ġej: (1)

Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni

[II.5. It-tjur jikkonformaw mad-Deċiżjoni 2007/598/KE u ġew vaċċinati kontra l-influwenza tat-tjur nhar ..... (data) bil-vaċċin ..... (isem) u ġejjin minn entità, istitut jew ċentru tal-oriġini li fih twettqet il-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza tat-tjur matul l-aħħar 12-il xahar.] (1)

Noti

Parti I:

— Referenza tal-kaxxa I.6: Nru/Nri ta' dokumenti ta' akkumpanjament: CITES, jekk applikabbli.

— Referenza tal-kaxxa I.19: Uża l-kodiċi HS addattata: 01.06.11, 01.06.19, 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39, 05.11.99.85.

— Referenza tal-kaxxa I.31: *Sistema ta' identifikazzjoni*: l-identifikazzjoni individwali għandha tintuża kull fejn huwa possibbli iżda fil-każ ta' annimali żgħar, tista' tintuża l-identifikazzjoni tal-lott.

Fil-każ ta' semen, ova u embrijuni, din għandha tikkorrespondi mal-*identità tad-donatur* u d-*data tal-ġbir* u għandha tiġi indikata fil-format li ġej: identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal/jj/xx/ssss.

Età u *sess*: għandha timtela biss fil-każ ta' annimali ħajjin, jekk jixraq.

Kwantità: fil-każ ta' semen, ova u embrijuni, l-għadd ta' pipi, ampulli jew pakketti oħrajn espressi bħala unitajiet għandu jiġi indikat.

Parti II:

(1) Ingassa fejn hemm bżonn.

(2) Kif mitlub mill-Istat Membru li qed jibbenifika minn garanziji addizzjonali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma jrid ikun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra taċ-ċertifikat.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar):	Kwalifika u titlu:
Unità veterinarja lokali:	Nru tal-LVU:
Data:	Firma:
Timbru:	

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA F

Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE kif trasposta fil-L.S. 437.48

Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 rigward il-problemi tas-saħħa ta' annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunità fl-annimali bovini u l-majjali

L.S. 437.48
Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali

Id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE kif trasposta fil-L.S. 437.99

Id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tesiġi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' annimali applikabbli għal kummerċ intra-Komunità fil u l-importazzjoni ta' *semen* ffriżata ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċje bovini

L.S. 437.99
Regoli dwar il-Kondizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali Applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u għall-Importazzjonijiet ta' Deep Frozen *Semen* ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE kif trasposta fil-L.S. 437.100

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunità fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni tal-annimali domestiċi tal-ispeċje tal-bovini

L.S. 437.100
Regoli dwar il-Kondizzjonijiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju u l-Importazzjoni minn Pajjiżi Terzi ta' Embrijuni ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE kif trasposta fil-L.S. 437.60

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-ekwidi

L.S. 437.60
Regoli dwar il-kondizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Moviment u l-Importazzjoni tal-Ekwini minn Pajjiżi Terzi

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE kif trasposta fil-L.S. 437.102

VERŻJONI ELETTRONIKA

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali applikabbli għal kummerċ intra-Komunità fil u l-importazzjoni ta' *semen* ffriżata ta' l-annimali domestiċi tal-ispeċje porċini

L.S. 437.102
Regoli dwar il-Kondizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u għal Importazzjonijiet ta' *Semen* Deep-frozen ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Majjali

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 1640

SKEDA G
Dikjarazzjoni

Jiena, li hawn taħt iffirmat, (veterinarju uffiċjali) niċċertifika li r-ruminanti(i)(1)/suida(e) (1) apparti milli dak (1)/dawk (1) koperti bid-Direttiva 64/432/KEE:

..... jappartjeni/jappartjenu([1]) għall-(ispeċje)

Fil-waqt tal-eżami, ikun([1])/ma jkunx([1]) juri xi sinjali kliniċi ta' xi mard li dwaru dan huwa([1])/huma([1]) suxxettibbli;

Ikun ġej (ġejjin) minn merħla ([1])/qasam ([1]) uffiċjalment ħieles mit-tuberkolożi ([1]) / uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi ([1]) u ma jkun(x) suġġett għar-restrizzjonijiet tad-deni tal-majjali jew minn qasam ta' fejn dan ([1])/dawn (1) kien ([1])/ kienu ([1]) suġġetti b'riżultati negattivi għat-test(ijiet) stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE.

([1]) Ħassar kif applikabbli

Firma tal-Uffiċjal veterinarju

Awtorità kompetenti

Data

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA H
(Parti A)

- Kull speċi tal-ordni ***Scorpiones*** (skorpjuni) minbarra dawk tal-ispeċi ***Euscorpius sicanus***.

- Brimb tal-ordni ***Solifugae*** (*camel spider*), tal-ispeċi ***Atrax robustus*** (*funnel web spider*) u oħrajn li jistgħu jkunu velenużi biżżejjed tant li joqtlu bniedem bil-velenu tagħhom.

- Kull speċi tal-ordni ***Scutigeromorpha, Lithobiomorpha, Craterostigmomorpha, Scolopenromorpha*** *u* ***Geophilomorpha*** (*centipedes*) li jistgħu jkunu velenużi biżżejjed tant li joqtlu bniedem bil-velenu tagħhom ħlief dawk tal-ispeċi endemiċi Maltin li jinstabu fil-habitat naturali tagħhom.

- Kull speċi ta' rettili velenużi b'riferenza partikulari għall-*Crotalid*, *Cobra*, *Mamba* u *Aspid*.

- Kull speċi tal-ordni ***Crocodilia*** (kukkudrilli u *alligatur*) u ***Varanus komodensis*** (*komodo dragon*).

- Kull speċi ta' anfibji velenużi.

- Kull speci tal-ordni ***Dasyuro morphia*** (*marsupial carnivores* bħal *dasyurid*, *tasmanian devil*, *thylacine*, *numbat*, et. al.).

- Kull speċi tal-ordni ***Pera mele morphia*** (*bandicoot* et. al.).

- Kull speċi tal-familja ***Nandiniidae*** (*African palm civet* et. al.).

- Kull speċi tal-familja ***Felidae*** (felini) minbarra ***Felis catus domesticus.***

- Kull speċi tal-familja ***Viverridae.*** (*civet* et. al.) inkluż kull sub-speċi tas-sub-familja ***Prinonodontidae*** (*Asiatic linsang* et. al.).

- Kull speċi tal-familja ***Hyaenidae*** (*hyena* et. al.).

- Kull speċi tal-familja ***Eupleridae*** (*Malagasy carnivore* et. al.).

- Kull speċi tal-familja ***Herpestidae*** (*mongoose* et. al.).

- Kull speċi tal-familja ***Canidae*** (klieb u ilpup) minbarra ***Canis lupus familiaris*** iżda mhux id-Dingo.

- Kull speċi tal-familja ***Ursidae*** (orsijiet et. al.).

VERŻJONI ELETTRONIKA

- Kull speċi tal-familja ***Ailuridae*** (*red panda* et. al.
- Kull speċi tal-familja ***Odobenidae*** (*walrus* et. al.).
- Kull speċi tal-familja ***Otariidae*** (*sea lion* et. al.).
- Kull speċi tal-familja ***Phocidae*** (*seal* et. al.).
- Kull speċi tal-familja ***Rhinocerotidae*** (*rhino*).
- Kull speċi tal-familja ***Hippopotamidae*** (*hippo*).
- Kull speċi tal-familja ***Proboscinae*** (iljunfant).
- Kull speċi tal-ordni ***Cetacea*** (*cetaceans*).
- Kull speċi tal-familja ***Hylobatidae*** (*gibbon* et. al.).
- Kull speċi tal-familja ***Hominidae*** jew ***Ponginae*** (*great apes* inkluż *gorilla*, *chimpanzee* u *orangutang* et. al.) minbarra ***Homo sapiens.***
- Kull speċi tal-genus ***Popio*** (*baboon* et. al.).
- Kull speċi tal-genus ***Mandrillus*** (*mandrill* et. al.).

(Parti B)

- Il-membri kollha tal-Ordnijiet ***Squamata*** mhux inklużi f'Parti A u mhux parti mill-fawna lokali.
- Il-membri kollha tal-Ordni ***Testudines.***
- Il-membri kollha tal-***Amphibians*** mhux inkluzi f'Parti A u mhux parti mill-fawna lokali.
- Membri tal-klassi ***Aves*** klassifikati taht l-ordnijiet, ***Accipitiformes***, ***Falconiformes*** u ta' ordni ***Psittacitformes***. izda mhux għamorini, cockatiels u lovebirds.
- Il-membri tal-Ordni ***Artiodactyla*** mhux imniżżla fi Parti A u mhux normalment domestkati. Din teskludi *bovines*, *ovines*, *caprines* u majjali normalment mrobbija fis-settur tat-trobbija tal-annimali agrikoli Razzez naniu ezotici ta' dawn l-annimali agrikoli accettati mid-direttur jigu rregistrati taht dawn ir-regolamenti. Il-karkassi ta' dawn l-annimali ma jistgħux jidħlu fil-katina tal-ikel.
- Membri tal-Ordni ***Perissodactyla*** minbarra ekwini domestiċi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

- Il-membri kollha tal-Ordni Primates mhux inklużi fi Parti A minbarra ***Homo sapiens.***

- Il-membri kollha tal-Ordni ***Chiroptera, Dermoptera, Didelphimorphia, Diprotodontia, Hyracoidea, Insectivora Macroscelidea, Microbiotheria, Monotremata, Notoryctemorphia, Puacituberculata, Pholidota, Scandentia, Sirenia, Tubulidentata, Xenarthra*** u mhux parti mill-fawna lokali.

- Il-membri kollha tal-Familja ***Mephitidae*** u l-Familja ***Procyonidae, Erethinzontidae, Hystricidae, Aplodontiidae, Hydrochoeridae***.